# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 18/16/1 AF**

**Ganni Attard**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali, illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat, il-Kummissarju tal-Pulizija u d-Direttur Ġenerali tal-Veterinary and Phyto Sanitary Regulation**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-intimati kollha, kif ukoll appell inċidentali tar-rikorrent Ġanni Attard, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' Settembru, 2022, li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, laqgħet l-ewwel talba tar-rikorrent u ddikjarat li l-arrest tiegħu ta' nhar it-3 ta' Novembru 2012, kien bi ħsara

għall-jeddijiet fundamentali tiegħu hekk kif imħarsa bl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem (minn issa 'l hemm "il-Konvenzjoni Ewropea") u bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Fid-dawl ta' dan, l-Ewwel Qorti ffissat kumpens favurih fl-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000). Fil-bqija, l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati, u filwaqt li ċaħdet il-bqija tat-talbiet tar-rikorrent, ikkundannatu jħallas il-parti l-kbira tal-ispejjeż ġudizzjarji, fis-sehem ta' 4/5. Bl-istess sentenza, l-Ewwel Qorti kkonfermat ukoll il-kundizzjonijiet tad-digriet tagħha tat-28 ta' April, 2016;

2. L-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni billi għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> *"Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, Ganni Attard qiegħed jilmenta illi c-ċirkostanzi madwar il-qtil tan-nagħaġ fir-razzett tiegħu fid-data tat-3 ta' Novembru 2012 u wara, jikkostitwixxu leżjoni tal-jeddijiet fondamentali tiegħu kif protetti bl-Art. 34, 37, 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 5, 6 u 7 u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*
>
> *Mill-provi prodotti jirriżulta illi fit-3 ta' Novembru 2012, id-Direttur intimat ta ordni biex merħla nagħaġ, proprjetà ta' Ġanni Attard, tiġi maqtula. Din il-merħla ma kienitx regolarment reġistrata, kif lanqas ma kien regolarment reġistrat ir-razzett fejn kienet qiegħda tinżamm il-merħla. Meta bdiet il-qatla, Ganni Attard ġie mitlub jakkumpanja lill-Pulizija Eżekuttiva fl-Għassa tar-Rabat, Għawdex. Sakemm il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) laqgħet mandat ta' inibizzjoni fir-rigward, laħqu inqatlu aktar minn 200 nagħġa. Sussegwentement, wara li l-mandat kien ġie milqugħ definitttivament, Ġanni Attard fetaħ proċeduri fil-Qorti fejn talab dikjarazzjoni li d-deċiżjoni tad-Direttur intimat kienet illegali għal diversi raġunijiet. It-talba ġiet miċħuda u minn din id-deċizjoni sar appell. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti. Imbagħad ġew intavolati dawn il-proċeduri.*
>
> *L-ewwel ilment ta' Ganni Attard huwa li huwa ġie arrestat illegalment u miżmum arbitrarjament nhar is-Sibt 3 ta' Novembru 2012 waqt li d-*

*Dipartiment li tiegħu huwa Direttur Ġenerali l-intimat, kien qiegħed joqtol il-merħla tan-nagħaġ.*

*... omissis …*

*Fil-każ in eżami il-Qorti qieset żewġ fatturi u ċioè, jekk kienx hemm fil-fatt arrest jew żamma ta' Ganni Attard dakinhar tal-qatla u, jekk kien hemm, din iż-żamma kienitx skont il-liġi.*

*Jirriżulta mill-provi prodotti illi dakinhar li kellha ssir il-qatla tal-merħla, uffiċċjali tal-Pulizija fittxew lil Ganni Attard u sabuħ l-Għarb. Minn hemm huma ħaduh magħhom fl-għassa tar-Rabat. Dan kien xi 9:30 ta' filgħodu (ara xhieda ta' P.S.676 Edelon Spiteri fit-23 ta' Ġunju 2016).*

*P.S.138 Joseph Portelli jkompli jispjega illi ".... kien riekeb magħna u morna l-għassa tar-Rabat. Kellmu l-Ispettur fil-presenza tagħna ... aħna konna bilqegħda maġenbu sakemm konna l-għassa ... Jiena ma nistax ngħid is-sur Attard setax jitlaq dak il-ħin." L-istess uffiċċjal jikkonferma illi f'dak il-ħin Ġanni Attard ma kellux credit fil-mobile tiegħu u ġie akkumpanjat minn P.C. 870 biex imur jixtri card għall-mobile. Jirriżulta illi sussegwentement Ġanni Attard ittella' f'ċella u baqa' hemm miżmum sal-erbgħa neqsin kwart ta' wara nofsinhar ta' dakinhar stess.*

*Minn dan kollu, il-Qorti hija sodisfatta li, sa mill-mument illi Ġanni Attard kien mitlub jibqa' mal-uffiċċjali tal-pulizija, bdiet iż-żamma effettiva tiegħu mill-istess pulizija.*

*Ġaladarba, l-Qorti qiegħda tqis li tassew kien arrestat Ġanni Attard dakinhar tat-3 ta' Novembru 2012, il-Qorti qiegħda tgħaddi biex tqis jekk tali arrest kienx skont il-liġi jew inkella arbitrarju.*

*Kif irriteniet il-Qorti diversament presjeduta fil-proċeduri kostituzzjonali stitwiti minn Jennifer Koster fis-sentenza pronunzjata fis-17 ta' Diċembru 2020:*

> *"Huwa miżmum li biex arrest jitqies arbitrarju, irid ikun wieħed li jikser xi waħda minn dawk il-kwalitajiet li jagħmluh arrest legali. Biex arrest ikun wieħed legali, jeħtieġ li jkun wieħed li jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji speċifikati fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni, u li jkun ukoll skont "il-proċedura preskritta bil-liġi". F'dan ir-rigward, ingħad li dan ifisser li "the deprivation of liberty must be imposed in conformity with the substantive and procedural rules of the applicable national law[1]" u li ma jkunx wieħed imwettaq b'mod arbitrarju[2]. Iċ-ċirkostanzi li jissemmew kemm fil-Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni huma l-eċċezzjonijiet waħdanin u tassattivi li taħthom persuna tista' tiċċaħħad mill-ħelsien tagħha[3];"*

*Din il-Qorti diversament presjeduta fil-fuq ċitata sentenza ta' Jennifer*

[1] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th. Edit, 2006), pġ. 463.
[2] Op. cit. pġ. § 9.4.7 f'pġ 481.
[3] Q.E.D.B. 1.7.1997 fil-kawża fl-ismijiet Giulia Manzoni vs Italja (Applik. Nru. 19218/91) § 25.

*Koster kellha hekk xi tgħid dwar suspetti:*

> *"Illi dwar liema hija l-għamla ta' suspett li jitqies raġonevoli huwa mgħallem li dan ifisser li huwa meħtieġ li jkun hemm il-bidu ta' provi ċari li jqanqlu f'dak li jkun konvinċiment morali li hija l-persuna suspettata u mhux ħaddiehor li għandu rabta mar-reat imwettaq jew li sejjer jitwettaq, u dan kif kienu jidhru ċ-ċirkostanzi fil-waqt tal-arrest jew taż-żamma." – (sottlinear ta' din il-Qorti).*

*Il-Qorti kompliet hekk:*

> *"Mhux hekk biss, imma jeħtieġ li tali suspett raġonevoli jibqa' jseħħ f'kull waqt li persuna tkun arrestata."*

*Fil-każ in eżami, l-intimati jsostnu li l-arrest ta' Ġanni Attard sar minħabba l-fatt li l-atteġġjament tiegħu malli sar jaf li qed jinqatlu n-nagħaġ, sar wieħed "aggressiv" u li huwa uża kliem ta' theddid f'telefonata li għamel. Il-Qorti tirreferi għall-gwida dwar Art. 5 tal-Konvenzjoni kif aġġornata fil-31 ta' Awwissu 2022 fejn jingħad illi:*

> *"81. The second alternative of that provision ("when it is reasonably considered necessary to prevent his committing an offence") does not permit a policy of general prevention directed against an individual or a category of individuals who are perceived by the authorities as being dangerous or having the propensity to commit unlawful acts. This ground of detention does no more than afford the Contracting States a means of preventing a concrete and specific offence as regards, in particular, the place and time of its commission and its victim(s). In order for a detention to be justified under the second limb of Article 5 § 1 (c), the authorities must show convincingly that the person concerned would in all likelihood have been involved in the concrete and specific offence, had its commission not been prevented by the detention (Kurt v. Austria [GC], 2021, § 186; S., V. and A. v. Denmark [GC], 2018, § 89 and 91).*
>
> *…*
>
> *87. The necessity test under the second limb of Article 5 § 1 (c) requires that measures less severe than detention have to be considered and found to be insufficient to safeguard the individual or public interest. The offence in question has to be of a serious nature, entailing danger to life and limb or significant material damage. In addition, the detention should cease as soon as the risk has passed, which called for monitoring, the duration of the detention being also a relevant factor (S., V. and A. v. Denmark [GC], 2018, § 161)."*

*Għandu jiġi konsidrat ukoll illi fil-każ in eżami ma jirriżultax lill-Qorti dak li allegaw l-intimati li l-Maġistrat ikkonfermat l-arrest. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis fondat l-ilment ta' Ganni Attard.*

*It-tieni lment ta' Ganni Attard f'dawn il-proċeduri jirrigwarda l-allegazzjoni tiegħu ta' leżjoni tal-jedd fondamentali tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà kif sanċit fl-Art. 37 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li testwalment jipprovdu illi:*

> *"37. (1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist."*

*Huwa jinvoka inoltre il-protezzjoni tal-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li testwament jipprovdi illi:*

> *"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara għal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*
>
> *Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."*

*Il-prinċipji regolatorji rigwardanti allegazzjonijiet ta' drittijiet ta' proprjetà u t-tgawdija tagħha huma ormaj ben stabbiliti fil-ġurisprudenza kemm tal-Qrati ta' Malta kif ukoll tal-Qorti Ewropea. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest għas-sentenzi ta' dawn il-Qrati fil-ħafna kawżi deċiżi rigwardanti kirjiet qodma u konverżjoni ta' ċnus f'Malta.*

*Huwa mgħallem illi sabiex jiġi rispettat id-dettam tal-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll, kull teħid ta' proprjetà jeħtieġ isir b'rispett totali tal-ligijiet tal-pajjiż b'ghan leġittimu u b'rispett tar-regola ta' proporzjonalità skond iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.*

*Fil-każ in eżami mhuwiex kontestat illi ngħatat l-ordni li jinqatlu n-nagħaġ u fil-fatt dawn kienu diġà bdew jinqatlu sakemm saret ordni mill-Qorti biex il-qatla tieqaf. Għalhekk jinkombi fuq din il-Qorti tistabilixxi:*

*(i) li l-qatla kienet qed issir taħt qafas legali;*
*(ii) b'għan leġittimu, u*
*(iii) li l-miżura żammet bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan u l-mezzi użati.*

*Il-qafas legali li fl-isfond tiegħu ngħatat l-ordni lamentata ġie mistħarreġ mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Jannar 2016. Dik il-Qorti qieset li s-setgħa li tingħata l-ordni li ngħatat kienet toħroġ mit-Tieni Skeda tal-Kap. 497 (illum sostitwit b'A.L. 50 tal-2015).*

*Din il-Qorti ma ssib ebda raġuni li twassalha għal xi fehma diversa, ukoll għaliex mhijiex il-funzjoni tagħha fi proċeduri bħal dawn li taġixxi ta' appell ulterjuri.*

*L-għan leġittimu li għalih ittieħdet id-deċiżjoni li jintqalu n-nagħaġ huwa*

*indiskuss. Il-protezzjoni tas-saħħa pubblika hija fl-interess aħħari ta' kull ċittadin u l-istat għandu l-jedd, anzi l-obbligu li jaġixxi kif xieraq biex jintlaħaq dan l-għan.*

*Il-kwistjoni tal-proporzjonalità tal-azzjoni mmeritat ħsieb aktar fil-fehma ta' din il-Qorti. Gie pruvat illi l-bhejjem ma kienux regolarment reġistrati però ma rrizultax li kienu effettivament morda. Madanakollu tenut kont tal-importanza estrema tal-ħtieġa tat-traċċjabilità ta' kull ma jidħol fil-katina tal-ikel li ser jasal għand iċ-ċittadin, dan il-fatt waħdu kien biżżejjed biex iwassal lill-awtoritajiet jesiġu li l-annimali jinżammu immedjatament milli jidħlu fil-katina tal-ikel. Dan kien jgħodd ukoll għall-prodotti tagħhom. Ġanni Attard ma kellux xi żewġ nagħġiet żgħar għall-kumpannija. Kellu merħla mdaqqsa li kienet qed tinżamm għal skopijiet kummerċjali ovvji. Huwa kien ukoll jipproduċi l-ġbejniet mill-ħalib tal-istess merħla. Kollox kien intenzjonat għall-konsum tal-bniedem.*

*L-intimat isostni li f'dawn iċ-ċirkostanzi teżisti l-preżunzjoni li l-bhejjem huma morda u għalhekk jintqalu.*

*Din il-Qorti ssib li din il-preżunzjoni li annimal miżmum irregolarment huwa annimal marid mhijiex fiċ-ċirkostanzi irraġonevoli u tqis għalhekk illi t-test tal-proporzjonalità huwa b'hekk sodisfatt.*

*Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Affaire S.A. Bio D'Ardennes vs Belgique (12 ta' Novembru 2019) fejn irriteniet illi:*

> *"Les autorités nationales disposent d'une certaine marge d'appréciation lorsqu'il s'agit de protéger la santé publique et la sécurité alimentaire sur leur territoire (Chagnon et Fournier, précité, § 57) pour déterminer les sanctions du non-respect des obligations sanitaires, selon les risques engendrés par ce non-respect et les caractéristiques des maladies animales que ces obligations visent à éradiquer.*
>
> *Ces éléments suffisent à la Cour pour conclure que, eu égard à l'importance pour les États de lutter contre les maladies animales et compte tenu de la marge d'appréciation dont bénéficient les États en la matière, la requérante n'a pas eu à subir une charge spéciale ou exorbitante du fait du refus d'indemnisation pour l'abattage de ses bovins".*

*Din il-Qorti tikkondividi din il-fehma u tqis li l-azzjoni meħuda ma kienitx leżiva tal-jeddijiet ta' Ġanni Attard għat-tgawdija ta' ħwejġu.*

*Madanakollu, l-Qorti tqis li sa fejn possibbli l-qatla ta' annimal mhux konfermat marid għandha tiġi evitata. Dan il-valur jinsab meqjum sewwa fis-soċjetà Maltija, tant li jsiru sforzi kbar biex, per eżempju, jiġi salvat kelb jew qattus zgħir li jkun fil-periklu. Bi tħaris ta' dan il-valur, il-Qorti qiegħda tikkonferma d-digriet tagħha tat-28 ta' April 2016 u ttenni l-kundizzjonijiet hemm imposti fuq Ġanni Attard fit-totalità tagħhom sa fejn jirrigwardaw il-bhejjem li għadhom ħajjin. Għalkemm il-Qorti*

*m'għandhiex ċifri quddiemha, tqis li, jekk dawk il-kundizzjonijiet ġew imħarsa, l-merħla llum naqset konsiderevolment. Jibqa' mhux mittiefes il-jedd tad-Direttur intimat li jaġixxi kif jidhirlu xieraq u kif tagħtih dritt il-liġi jekk u meta jsib li l-kundizzjonijiet mhux qed jiġu mħarsa skrupolożament. Fid-dawl ta' dan kollu l-ilment qiegħed jiġi miċħud.*

*Ġanni Attard jilmenta wkoll illi d-deċiżjoni tal-isterminazzjoni tal-merħla tilledi l-jedd fondamentali tiegħu għal smiegħ xieraq kif protett bl-Art. 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan għaliex id-deċiżjoni mhux imsejsa fuq dispożizzjoni espressa tal-liġi. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest għal-konsiderazzjoni tagħha magħmula aktar 'il fuq fil-kuntest tal-ilment tiegħu rigward privazzjoni tal-proprjetà u tqis li l-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu sew fir-rigward ta' dan l-ilment.*

*Finalment Ganni Attard jilmenta minn leżjoni tal-jedd fondamentali tiegħu għal smiegħ xieraq fil-proċeduri fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u fil-Qorti tal-Appell li wasslu għas-sentenza tad-29 ta' Jannar 2016. Ir-raġuni li jagħti hija li, skont hu, dawn id-deċiżjonijiet ma ġewx imsejsa fuq dispożizzjoni espressa tal-ligi. Il-Qorti eżaminat b'reqqa z-żewġ deċiżjonijiet u ma ssibx ġustifikazzjoni ta' dak li qiegħed jilmenta minnu r- rikorrenti. Ittenni inoltre, kif ġa accennat aktar 'il fuq f'din is-sentenza, illi l-funzjoni tal-Qorti fi proċeduri kostituzzjonali ma hijiex dik ta' appell ulterjuri minn deċiżjoni ta' Qorti oħra.*

*Għaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati fejn jolqtu l-ewwel talba ta' Ġanni Attard, tilqagħhom għall-bqija, u tiddikjara illi l-arrest ta' Ġanni Attard nhar it-3 ta' Novembru 2012, kien leżiv tad-drittijiet tiegħu kif protetti bl-Art. 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art. 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Minħabba f'hekk takkorda kumpens ta' elfejn Ewro (€2000).*

*Tiċħad it-talbiet l-oħra kollha ta' Ġanni Attard.*

*Tikkonferma l-kundizzjonijiet tad-digriet tagħha tat-28 ta' April 2016 kif intqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza.*

*L-ispejjeż jitħallsu kwantu għall-1/5 mill-intimati u l-bqija minn Ġanni Attard".*

3. L-intimati ħassewhom aggravati mill-imsemmija sentenza, u għar-raġunijiet li tfissru f'rikors imressaq minnhom fl-14 ta' Ottubru, 2022[4], talbu lil din il-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata tas-26 ta' Settembru 2022 billi tħassarha u tirrevokaha limitament f'dik il-parti fejn*

[4] F'paġni 1883 sa 1892 tal-proċess.

*sabet li l-appellat ġarrab ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u likwidat kumpens ta' €2,000 ewro u f'dik il-parti fejn ikkonfermat il-kundizzjonijiet imsemmija fid-digriet tat-28 t'April 2016, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat Ġanni Attard"*;

4. B'risposta mressqa fl-10 ta' Marzu, 2023,[5] ir-rikorrent Ġanni Attard filwaqt li ressaq għadd ta' raġunjiet sabiex fisser għalfejn l-aggravji tal-intimati mhumiex mistħoqqa, inqeda bl-istess tweġiba sabiex ressaq appell inċidentali li bih, għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma l-parti tas-sentenza appellata *"fejn laqgħet l-ewwel talba ta' Ġanni Attard dwar l-arrest illegali u l-konferma tad-digriet tat-28 ta' April, 2016",* tvarja l-kumpens mogħti u *"fejn it-talbiet l-oħra ġew miċħuda dawn jiġu debitament milqugħa u deċiżi favur l-esponenti u dan bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati"*;

5. L-intimati laqgħu għall-appell inċidentali billi bi tweġiba konġunta tat-28 ta' Marzu, 2023[6], fissru għalfejn l-ilmenti tar-rikorrent mhumiex mistħoqqa, u li b'hekk l-appell inċidentali jistħoqqlu jkun miċħud;

6. Il-Qorti, wara li qieset dan kollu, semgħet lill-avukat tal-partiijet, kif ukoll rat l-atti kollha ta' din il-kawża, kif ukoll tal-proċeduri tal-Mandat ta'

[5] F'paġni 1896 sa 1999 tal-proċess.
[6] F'paġni 2002 sa 2006 tal-proċess.

Inibizzjoni bin-numru 54/2012, u tal-kawża bin-numru 114/2012JD[7], hija issa f'qagħda li tgħaddi għas-sentenza;

**Ikkunsidrat**:

7. B'dawn il-proċeduri, Ġanni Attard qiegħed jilmenta li fil-jum tat-3 ta' Novembru, 2012, huwa ġie arrestat illegalment mill-pulizija eżekuttiva, bi ħsara għall-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa bl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

8. B'żieda ma' dan, ir-rikorrent qiegħed jilmenta dwar il-fatt li fl-istess jum tat-3 ta' Novembru, 2012, l-awtoritajiet daħlulu fir-razzett, mingħajr il-kunsens u l-preżenza tiegħu, u hemmhekk qatlu numru kbir ta' nagħaġ li kienu wkoll proprjetà tiegħu. Skont ir-rikorrent, dawn il-fatti waslu biex huwa ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu hekk kif imħarsa bl-Artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

9. Ir-rikorrent qiegħed ukoll isostni li l-ordni tad-Direttur-Ġenerali intimat dwar il-qtil tal-merħla tan-nagħaġ tiegħu mhijiex imsejsa fuq xi dispożizzjoni tal-liġi u minħabba f'hekk qed jargumenta li din wasslet biex kasbritlu wkoll il-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa bl-Artikolu 36

[7] Ara l-*verbal* tas-seduta tal-14 ta' Marzu, 2019, f'paġna 1284 tal-proċess.

tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea;

10. Barra minn hekk, ir-rikorrent qiegħed ukoll jilmenta minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu li saret referenza għalihom fil-paragrafu ta' qabel dan, u dan billi qiegħed iqis li s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali tal-11 ta' Lulju, 2014 u dik tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Jannar, 2016, fil-kawża 114/2012JD fl-ismijiet ta' ***"Ġanni Attard v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulation"***, ma ġewx imsejsa fuq dispożizzjonijiet espressi tal-liġi;

11. Kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimati mhumiex jaqblu għalkollox mas-sentenza appellata, u minħabba f'hekk il-partijiet qegħdin, għal raġunijiet differenti, jitolbu lil din il-Qorti sabiex tvarjaha;

12. Min-naħa tagħhom, fl-**appell ewlieni**, l-intimati qegħdin iressqu **żewġ aggravji**. Fl-ewwel wieħed, l-intimati qegħdin jattakaw dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha nstab ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrent kif imħares bl-Artikoli 34 tal-Kostituzzjoni u 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, filwaqt li f'dak tat-tieni l-intimati qed jilmentaw minn dik il-parti li fiha l-Ewwel Qorti ddeċidiet li żżomm fis-seħħ il-kundizzjonijiet tad-digriet tagħha tat-28 ta' April 2016;

13. Fuq ix-xaqliba l-oħra, fl-**appell inċidentali** tiegħu, ir-rikorrent qiegħed jattakka s-sentenza appellata fuq is-saħħa ta' **erba' aggravji**, bl-ewwel wieħed ikun dwar in-nuqqas tal-Ewwel Qorti li ssib li huwa ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu kif imħares bl-Artikolu 37 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Fit-tieni aggravju, ir-rikorrent qiegħed imbagħad jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti naqset li tilqa' dawk it-talbiet li fihom huwa talabha ssib li l-ordni tal-qatla tan-nagħaġ mhijiex imsejsa fuq xi dispożizzjoni espressa tal-liġi, filwaqt li fit-tielet aggravju r-rikorrent jilmenta mill-ammont tal-kumpens likwidat mill-Ewwel Qorti dwar l-arrest illegali tiegħu għax iqisu ftit wisq. Fl-aħħar nett, ir-rikorrent qiegħed ukoll jilmenta dwar il-kap tal-ispejjeż, kif ukoll qiegħed jisħaq li huwa m'għandu jbati l-ebda spejjeż dwar il-viżti mill-uffiċjali tas-servizzi veternarji u l-bqija tal-ispejjeż imsemmija fid-digriet li ngħata mill-Ewwel Qorti fit-28 ta' April, 2016;

14. Nibdew bl-**<u>ewwel aggravju tal-appell ewlieni</u>** li fih l-intimati qegħdin jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti sabet li l-arrest tar-rikorrent fil-jum tat-3 ta' Novembru, 2012, wassal biex kasbarlu l-jedd fundamentali tiegħu kontra arrest illegali u arbitrarju kif imħares bl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

15. L-intimati jitilqu billi jfissru li mill-konsiderazzjonijiet tal-parti relevanti tas-sentenza appellata jidher li l-Ewwel Qorti sejset il-konklużjonijiet tagħha billi qieset li, fiċ-ċirkustanzi, l-arrest tar-rikorrent ma kienx meħtieġ u li ma rriżultax li dak l-arrest sar bl-awtorizzazzjoni ta' maġistrat. Skont l-intimati, il-provi juru mod ieħor u, minħabba f'hekk, jgħidu li qed iħossuhom aggravati bil-fatt li l-Ewwel Qorti sabet ksur ta' dak il-jedd;

16. F'dan il-qafas, l-intimati jirreferu għax-xhieda tal-Ispettur Tabone tat-12 ta' April, 2018, u jargumentaw li dik ix-xhieda fiha l-elementi kollha li juru kif l-arrest tar-rikorrent mhux biss kien ġustifikat, iżda wkoll twettaq kif titlob il-liġi. B'mod partikolari jfissru li kien biss wara li r-rikorrent sar aggressiv u beda juża kliem ta' theddid ġewwa l-għassa tal-pulizija tar-Rabat li l-Ispettur Tabone ddeċieda li jarresta lir-rikorrent. Jgħidu wkoll li minn dik ix-xhieda jirriżulta li kienet il-Maġistrat tal-Għassa stess li saħansitra rrakkomandat li r-rikorrent jiġi arrestat;

17. Sfiq ma' dan, jisħqu li l-arrest tar-rikorrent twettaq skont il-liġi u kien wieħed preventiv, li jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll tal-Artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni. Iżidu li, fuq kollox, taqa' fis-setgħa tal-Pulizija li żżomm lill-persuna arrestata għall-perjodu ta' mhux aktar minn tmienja u erbgħin (48) siegħa, u jargumentaw li l-fatt waħdu li l-Pulizija ma ressqitx lir-rikorrent b'xi akkuża quddiem il-Qorti ma

jxejjinx is-suspett raġonevoli li kellhom fil-mument tal-arrest. Jagħlqu billi jgħidu li mkien fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni Ewropea ma nsibu mniżżel li persuna li tkun inżammet arrestata b'mod preventiv għandha l-jedd għal xi forma ta' kumpens awtomatiku, jekk ma tiġix imressqa quddiem awtorità ġudizzjarja, u fid-dawl ta' dan kollu jinsistu li l-għemil tal-Pulizija ma setax kiser il-jedd tar-rikorrent hekk kif imħares fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni;

18. Wara li l-Qorti qieset dawn l-argumenti fil-kuntest tal-provi li hemm fl-atti, kif ukoll fid-dawl ta' dak li ġie sottomess mir-rikorrent, il-Qorti tqis li l-argumenti tal-intimati mhumiex fejjieda;

19. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li sabiex iċ-ċaħda tal-libertà ma titqiesx arbitrajra, mhuwiex biżżejjed li l-arrest jew id-detenzjoni jkunu legali, fis-sens li jitwettqu skont il-proċedura mfassla fil-liġi, iżda wkoll jeħtieġ li ċ-ċaħda tal-libertà ssir biss f'dawk iċ-ċirkustanzi li huma maħsuba fl-Artikoli 34(1) tal-Kostituzzjoni jew 5(1) tal-Konvenzjoni[8]. Billi l-jedd għal-libertà huwa meqjus bħala wieħed mill-iprem jeddijiet li għandu kull bniedem[9], huwa mgħallem li dawk iċ-ċirkustanzi huma

[8] Kost. **5.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Degiorgio et. v. Avukat Ġenerali et.*** (App. Nru. 67/2010/1), § 32; Q.E.D.B, **27.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Louled Massoud v. Malta*** (Applik. Nru. 24340/08), § 62; u Q.E.D.B. **20.9.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Kadem v. Malta*** (Applik. Nru. 55263/00).
[9] Q.E.D.B. **5.9.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Darryl Luke Borg v. Malta,*** (Applik. Nru. 39783/15), § 28.

eżawrijenti[10], u għandhom jingħataw tifsira mill-aktar dejqa, mingħajr ebda tiġbid jew analoġiji[11];

20. F'dan il-każ, l-intimati qegħdin jargumentaw li l-arrest tar-rikorrent twettaq fiċ-ċirkustanzi maħsuba fl-Artikoli 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni u 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea, u sewwasew għaliex il-Pulizija kellhom suspett raġonevoli li r-rikorrent kien sejjer iwettaq reat fil-konfront ta' dawk li kienu qed jeżegwixxu l-ordni tal-qtil tan-nagħaġ ġewwa ħwejġu;

21. Għalkemm huwa minnu li ċ-ċirkustanzi msemmija mill-intimati jagħtu lill-Pulizija Eżekuttiva s-setgħa li tarresta persuni għall-ħinijiet qosra biex tevita t-twettiq ta' reat, u dan ukoll f'ċirkustanzi fejn ma tkunx fi ħsiebha li tixli lill-arrestat b'xi attentat ta' reat kriminali quddiem awtorità ġudizzjarja[12], huwa però daqstant ieħor stabbilit li t-tieni fergħa tal-Artikoli 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni u 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni, ma tippermettix xi *policy* ġenerali ta' prevenzjoni kontra individwi, li tajjeb jew ħażin, huma meqjusa bħala aktar perikolużi minn oħrajn jew inkella li għandhom tendenzi akbar li ma jaħsbuhiex darbtejn biex ixellfu difrejhom mal-liġi[13];

---

[10] Q.E.D.B. **11.3.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Feilazoo v. Malta*** (Applik. Nru. 6865/19) § 101, u P.A. (Kost.), **21.4.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Angelo Miraglia et. v. Direttur Responsabbli mis-Sajd et.*** (Rik. 90/2015) (mhux appellata).
[11] P.A. (Kost.), **9.3.2017** fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Tefarra Besabe Berhe v. Il-Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et.*** (Rik. Nru. 27/2007) (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-**24.11.2017**) u Q.E.D.B. **25.9.2003**, fil-kawża fl-ismijiet: ***Vasileva v. Danimarka*** (Applik.52792/99) § 33.
[12] Q.E.D.B. **15.6.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Kurt v. Awstrija*** (Applik. Nru. 62903/15) § 186, u Q.E.D.B. **22.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***S.,V and A v. Danimarka*** (Applik. Nru. 345553/12, 36678/12 u 36711/12) § 116 sa 127.
[13] William A. Schabas, ***'The European Convention on Human Rights: A Commentary'*** (2015, Oxford University Press), paġ 239.

22. Huwa wkoll mifhum li arrest preventiv bħal dak li ġie arrestat bih ir-rikorrent għandu jsir biss meta huwa tassew meħtieġ u bil-għan li jkun evitat t-twettiq ta' reat li huwa konkret u speċifiku[14]. Minħabba f'hekk, jaqa' fuq spallejn dik l-awtorità eżekuttiva li tkun wettqet l-arrest preventiv li turi b'mod konvinċenti li, fin-nuqqas ta' dak l-arrest, il-persuna arrestata kienet x'aktarx ser twettaq dak ir-reat speċifiku li t-twettiq tiegħu jkun evitat sewwasew b'dak l-arrest[15];

23. Peress li dejjem għandu jinżamm bilanċ bejn l-interessi ġenerali tas-soċjetà u dik tal-individwu mċaħħad mill-jedd għal-libertà, huwa wkoll meħtieġ li r-reat speċifiku li jkun evitat milli jitwettaq ikun wieħed serju, fis-sens li jkun wieħed ta' periklu għall-ħajja, jew li jista' jwassal għall-ħsara gravi fuq il-ġisem jew inkella fuq propjetà oħra.[16] Biex jinżamm dan il-bilanċ, l-awtorità eżekuttiva li tkun wettqet l-arrest jeħtiġilha wkoll turi li hija tkun ikkunsidrat miżuri oħrajn li jkunu anqas ħarxa minn dik taċ-ċaħda tal-libertà, u fuq kollox għandha wkoll tfisser għalfejn, fiċ-ċirkustanzi, dawk il-miżuri ma kinux meqjusa li huma tajbin biżżejjed minflok l-arrest imwettaq[17]. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jintwera li ċ-ċaħda tal-libertà ma damitx aktar milli tippermetti l-liġi u li twaqqfet minnufih hekk kif ma baqgħetx raġonevolment meħtieġa;

[14] *Ibid.*
[15] Q.E.D.B. **15.6.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Kurt v. Awstrija*** (Applik. Nru. 62903/15) § 186.
[16] Q.E.D.B. **22.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***S.,V and A v. Danimarka*** (Applik. Nru. 345553/12, 36678/12 u 36711/12) § 161.
[17] *Ibid.*

24. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għall-fatti ta' dan il-każ, il-Qorti ma taqbilx mal-intimati meta qed jgħidu li huma rnexxielhom jippruvaw li l-arrest kien wieħed meħtieġ;

25. Kemm mir-rapport uffiċjali tal-Kuntistabbli Spiteri[18], kif ukoll mill-kopja tad-*'detaining book'* relattiv għall-arrest tar-rikorrent[19], jidher li r-raġuni ewlenija għalfejn Ġanni Attard inżamm arrestat kienet għaż-żamma tal-paċi pubblika u l-ordni pubbliku, kif ukoll "*for preventing any incidents*". Hekk ukoll, fix-xhieda li qed jirreferu għaliha l-intimati, l-Ispettur Tabone fisser li "*r-raġuni li nżamm arrestat kien biex jiġi evitat xi inċident*"[20], filwaqt li l-Kuntistabbli Farrugia, xehed li "*ir-raġuni għall-arrest li kienu tawna kienet il-buon ordni*"[21];

26. Għalkemm ir-raġunijiet li għadhom kif jissemmew, huma fihom infushom leġittimi, u jidhru wkoll li huma sinċieri, speċjalment fid-dawl tal-mod ta' kif l-Ispettur Tabone u l-Kuntistabbli Farruġia fissru li Ġanni Attard ġab ruħu ġewwa l-għassa tar-Rabat[22], madankollu, il-Qorti tqis li f'dan il-

[18] 'Dok ES1', f'paġna 168 tal-proċess.
[19] Ara 'Dok MAC1', f'paġna 372 tal-proċess u x-xhieda tal-kuntistabbli li mela dak id-dokument, f'paġna 380 tal-proċess.
[20] Ara x-xhieda tal-Ispettur Frank Tabone, mogħtija fit-12 ta' April, 2018 f'paġna 1097 tal-proċess.
[21] Ara x-xhieda mogħtija mill-PC870 Reuben Farruġia, nhar is-6 ta' Frar, 2018, f'paġna 999 tal-proċess.
[22] Ara: (i) il-kopja tax-xhieda tal-Ispettur Tabone li ngħatat fis-6 ta' Novembru, 2013, fil-kawża 114/2012JD, f'paġna 1036 sa 1042 tal-proċess, (ii) ix-xhieda tal-Ispettur Tabone, mogħtija fit-12 ta' April, 2018 f'paġni 1096 u 1097 tal-proċess; (iii) ix-xhieda ta' PC870 Reuben Farruġia ta' nhar is-6 ta' Frar, 2019, f'paġna 999 tal-proċess; u (iv) il-kopja tax-xhieda ta' PC870 Reuben Farruġia li ngħatat fis-6 ta' Novembru, 2013, fil-kawża 114/2012JD, f'paġna 1030 tal-proċess.

każ l-intimati naqsu li jissodisfaw wieħed mill-aktar ingredjenti importanti li huma meħtieġa dwar il-prova tal-ħtieġa tal-arrest, u sewwasew li juru x'miżuri alternattivi ġew ikkunsidrati minflok iċ-ċaħda għalkollox tal-libertà ta' Attard, u aktar importanti, għalfejn dawk il-miżuri ma tqisux li kienu tajbin biżżejjed biex iżommu lill-attur appellat milli jwettaq dawk l-għemejjel li l-Pulizija kienu qegħdin jibżgħu li sejjer iwettaq;

27. Filwaqt li n-nuqqas li għadu kif jissemma diġà jxejjen l-aggravju tal-intimati dwar il-ħtieġa tal-arrest ta' Attard, fil-fehma tal-Qorti l-aggravju tal-intimati jieħu daqqa ta' ħarta oħra, hekk kif wieħed iqis li fl-istess ħinijiet li Ġanni Attard tqiegħed taħt arrest, kien hemm numru ta' uffiċjali tal-Pulizija fir-razzett ta' Attard, bi struzzjonijiet ċari li kienu hemmhekk għaż-żamma tal-ordni pubbliku[23]. Fil-fatt, kienu l-bosta xhieda li matul din il-kawża stqarrew kif fil-jum tat-3 ta' Novembru, 2012, u sewwasew waqt li kienet qed tiġi eżegwita l-ordni tad-Direttur-Ġenerali intimat dwar il-qtil tal-merħla, kien hemm il-preżenza tal-uffiċjali tal-Pulizija fir-razzett ta' Attard[24];

28. Il-Qorti ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni mill-intimati għalfejn il-

[23] Ara x-xhieda ta' PS676 Edelon Spiteri, li ngħatat fit-23 ta' Ġunju, 2016, f'paġna 185 tal-proċess; u x-xhieda tal-Ispettur Tabone, tat-12 ta' April, 2018, fuq wara tal-paġna 1097 tal-proċess.

[24] Ara: b'mod partikolari x-xhieda tal-Marixxal Mario Portelli ta' nhar il-25 ta' April, 2017, f'paġna 641 tal-proċess, li fiha fisser kif meta huwa mar ġewwa r-razzett biex jinnotifika lill-uffiċjali tad-Direttur-Ġenerali intimat bil-mandat ta' inibizzjoni, *"Fir-razzett kien hemm ħafna nagħaġ mejtin, **ħafna pulizija**, u ħafna nies".* Ara wkoll fost xhieda oħra: (i) ix-xhieda ta' George Piscopo li ngħatat fil-25 ta' Mejju, 2017 f'paġna 722 tal-proċess; (ii) ix-xhieda ta' Michael Merċieca li ngħatat fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 2017, f'paġna 719 u 720 tal-proċess; u (iii) ix-xhieda ta' Josef Gatt, mogħtija fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2019, f'paġna 1039 tal-proċess.

preżenza tal-Pulizija fir-razzett tar-rikorrent ma kinitx meqjusa li hija biżżejjed biex iżżomm lir-rikorrent f'każ li kien ser jiftillu jwettaq xi reat jew inkella xi ħsara lil dawk il-persuni li kienu qed jeżegwixxu l-ordni tal-qtil tal-merħla. Fis-sewwa, il-Qorti lanqas ma tista' taħseb f'xi raġuni għalfejn il-preżenza tal-Pulizija fir-razzett ma kinitx biżżejjed biex tħares lil dawk li kienu qed jeżegixxu l-ordni tal-qtil tal-merħla minn xi ħsara jew biex iżżomm l-ordni u l-paċi pubblika. Dan jgħodd aktar u aktar meta wieħed imbagħad iqis li mit-tfittxija li saret fuq ir-rikorrent fil-*lock-up* tar-Rabat, irriżulta li huwa ma kellu l-ebda arma jew strument perikoluż fuqu[25], kif ukoll li, fil-*lock up,* Attard ġab ruħu sewwa, tant li f'ċertu ħinijiet anke tħalla joħroġ miċ-ċella u joqgħod bilqiegħda fuq bank[26];

29. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti jidhrilha li l-Kummissarju intimat naqas milli jipprova li l-arrest tar-rikorrent kien tassew meħtieġ, u fih innifsu dan in-nuqqas huwa biżżejjed biex jiġġustifika s-sejbien tal-ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrent li jkun meħlus minn arrest jew żamma arbitrarja sa fejn għandhom x'jaqsmu l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni;

30. Fit-**<u>tieni aggravju tal-appell ewlieni</u>**, l-intimati qegħdin imbagħad jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti

---

[25] Ara x-xhieda ta' PC111 Mark Anthony Camilleri, mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru, 2016, f'paġna 380 tal-proċess, u 'Dok MAC1' f'paġna 372 tal-proċess. Minn din ix-xhieda joħroġ li Attard kellu fuqu biss mowbajl u mazz ċwievet.
[26] Ara x-xhieda ta' PC111 Mark Anthony Camilleri, mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru, 2016, f'paġna 381 tal-proċess.

kkonfermat il-kundizzjonijiet tad-digriet tagħha tat-28 ta' April, 2016. Billi dan l-aggravju huwa msejjes fuq il-premessa li dik il-Qorti ma kellhiex iżżomm dak id-digriet fis-seħħ ladarba dik il-Qorti sabet li d-deċiżjoni tad-Direttur-Ġenerali intimat ma xellfitx il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent, u r-rikorrent qiegħed jappella minn dik il-parti tas-sentenza li fiha l-Ewwel Qorti ċaħditlu l-ilmenti tiegħu fir-rigward, il-Qorti jidhrilha li jkun aktar għaqli billi qabel xejn tgħaddi biex tistħarreġ l-ilmenti tar-rikorrent fl-appell inċidentali;

31. Fl-**ewwel aggravju tal-appell inċidentali**, ir-rikorrent qiegħed jilmenta li huwa ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, hekk kif imħarsa bl-Artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, għaliex l-intimati u l-uffiċjali mqabbda minnhom, qabdu u daħlu fir-razzett tiegħu u qatlulu n-nagħaġ, fin-nuqqas tal-preżenza tiegħu, u mingħajr biss ma tahom il-permess li jagħmlu hekk, jew tal-anqas jinfurmawh li ser jagħmlulu hekk;

32. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent ifisser li huwa ma kienx fuq il-post, mhux b'għażla tiegħu iżda għaliex huwa nżamm arrestat illegalment mill-Pulizija. Jilmenta li mingħajr ma kien mgħarraf, l-intimati qabdu u daħħlu għadd kbir ta' nies ġewwa ħwejġu, mingħajr il-permess tiegħu jew tal-inqas il-preżenza tiegħu fir-razzett, u bdew joqtlu n-nagħaġ tiegħu ġewwa ħwejġu stess;

33. Ikompli billi jargumenta li anke li kieku stess kien hemm ir-raġunijiet tad-dinja kollha għalfejn dawn setgħu jidħlu fi ħwejġu, b'daqshekk huwa xorta kellu l-jedd li jkun mgħarraf minn qabel li kienu ser jagħmlu hekk. Skont ir-rikorrent, dan biss kien biżżejjed biex kellu jwassal lill-Ewwel Qorti ssib li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejġu. Jirraġuna għalhekk li l-ilmenti tiegħu taħt l-Artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni u taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni messhom intlaqgħu;

34. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju huwa infondat għal għadd ta' raġunijiet;

35. Ibda biex li ma huwa xejn minnu li r-rikorrent ma kienx mgħarraf li kienu ser jidħlu ġewwa ħwejġu u bl-azzjoni li kienet ser tittieħed. Għalkemm li f'dawn il-proċeduri r-rikorrent ressaq affidavit li fih qiegħed jipprova jagħti l-impressjoni li l-Ispettur Tabone kien qallu biss li "*kienu ġejjin il-Maltin jittawlu n-nagħaġ*" u li "*ma kienx ta[h] dettalji ċari*"[27], din il-verżjoni mhija xejn konvinċenti u, minbarra li tmur kontra x-xhieda li taw l-Ispettur Tabone[28] u l-Kuntistabbli Farrugia[29], l-istess xhieda hija

---

[27] Ara l-affidavit ta' Ġanni Attard, 'Dok AĠ1', f'paġna 1346 tal-proċess.
[28] Ara l-kopja tax-xhieda tal-Ispettur Frank Anthony Tabone mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru, 2013, fil-proċeduri bin-numru 114/2012JD, f'paġna 1035 tal-proċess, u x-xhieda tal-Ispettur Tabone mogħtija fis-seduta tat-12 ta' April, 2018, fuq wara ta' paġna 1096 tal-proċess.
[29] Ara x-xhieda ta' PC870 Reuben Farruġia, mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Frar, 2018, f'paġna 999 tal-proċess.

saħansitra kontradittorja max-xhieda mogħtija mir-rikorrent stess fil-proċeduri bin-numru 114/2012JD, u li fiha wera biċ-ċar kif l-Ispettur Tabone kien tabilħaqq għarrfu li kienu ser joħdulu u joqtlulu n-nagħaġ għaliex ma kellhomx *'ear-tag'*[30]. Fis-sewwa, kemm mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija li għadhom kif issemmew, kif ukoll mix-xhieda tar-rikorrent stess fil-proċeduri bin-numru 114/2012JD, jirriżulta li r-rikorrent kien mgħarraf b'dak kollu li kien ser jiġri sa minn meta kienu għadhom fir-raħal tal-Għarb, u sewwasew fi stadju li fih huwa kien għadu mhuwiex miżmum taħt arrest u beda jipprova jfittex avukat biex jagħmillu mandat ta' inibizzjoni biex iwaqqaf dak li kien ser isseħħ;

36. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-bqija tal-ilmenti, il-Qorti jidhrilha li kemm l-att tad-dħul ġewwa r-razzett tar-rikorrent mingħajr il-kunsens jew il-preżenza tiegħu, u wisq anqas l-għemil tal-qtil tan-nagħaġ ma wasslu għall-ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent kif imħarsa taħt l-Artikoli 37, u 38 tal-Kostituzzjoni u fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

37. L-ewwel nett, l-għemil tad-dħul ġewwa r-razzett tar-rikorrent ma jistax jintlaqat mill-<u>Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta</u> u dan għaliex l-imsemmi artikolu jitkellem biss dwar it-teħid b'mod obbligatorju tal-pussess ta' proprjetà jew inkella l-kisba b'mod obbligatorju ta' xi interess

[30] Ara l-kopja tax-xhieda ta' Ġanni Attard tal-4 ta' Ottubru, 2013, mogħtija fil-proċeduri bin-numru 113/2012JD, f'paġna 60 tal-proċess.

jew jedd fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun[31]. F'dan il-każ, la d-Direttur-Ġenerali intimat u lanqas xi organu ieħor tal-Gvern ma ħa l-pussess tar-razzett tal-attur, jew inkella kiseb xi interess jew jedd fuq dik il-proprjetà, u minħabba f'hekk l-ilmenti tar-rikorrent sa fejn għandhom x'jaqsmu dwar id-dħul ġewwa r-razzett fil-jum tat-3 ta' Novembru, 2012, ma jistgħux iwasslu għall-ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

38. Daqstant ieħor li l-ilmenti tar-rikorrent dwar l-ordni tal-qtil tal-merħla kif ukoll it-twettiq ta' dak l-ordni ma jistgħux jintlaqtu mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Filwaqt li m'hemmx xi dubju li r-rikorrent seħħlu jipprova li l-merħla li nqatlet fil-jum tat-3 ta' Novembru, 2012 kienet tiegħu, u li dak l-ordni ngħata mid-Direttur-Ġenerali intimat, mill-banda l-oħra, intwera wkoll bi prova għas-sodisfazzjon tal-Qorti, li n-nagħaġ li nqatlu ma kinux irreġistrati f'dik li tissejjaħ bħala n-*'national lifestock database'*[32], u li mingħajr dik ir-reġistrazzjoni, in-nisel ta' dawk in-nagħaġ ma setax jiġi rintrattaċat, bil-konsegwenza li dawk il-bhejjem kienu meqjusa li huma ta' theddida serja kemm għas-saħħa pubblika, kif ukoll għas-saħħa tal-bhejjem in ġenerali, speċjalment tal-ispeċi tal-ovini u l-kaprini[33];

---

[31] Kost. **12.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Avv. Dr. Joseph Brincat noe. v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali et.***

[32] Ara b'eżempju: (i) ix-xhieda ta' Dr. Anthony Gruppetta, mogħtija fis-seduta tat-22 ta' Mejju, 2019, f'paġna 1366 tal-proċess; (ii) il-kopja tax-xhieda mogħtija minn Dr. Anthony Gruppetta fil-proċeduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 54/2012JD, f'paġna 1291 tal-proċess; u (iii) ix-xhieda Joseph Zammit, mogħtija fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2014 fil-proċeduri bin-numru 114/2012JD,

[33] Ara fost l-oħrajn: (i) il-kopja tax-xhieda mogħtija minn Dr. Anthony Gruppetta fil-proċeduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 54/2012JD, f'paġna 1295 tal-proċess; (ii) il-kopja tax-xhieda mogħtija minn Dr. Anthony Gruppetta waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu, 2014, fil-proċeduri bin-numru 114/2012JD, f'paġna 1313 tal-proċess; (iii) l-affidavit ta' Dr. Gruppetta 'Dok AG1' f'paġni

39. Ta’ min jgħid li fis-sentenza mogħtija fid-29 ta’ Jannar 2016, fil-kawża fl-ismijiet ta’ ***Ġanni Attard v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulations*** (App. Ċiv. 114/12JD), li llum tgawdi s-saħħa ta’ ġudikat, il-Qorti tal-Appell diġà sabet li l-fehmiet tal-veterinarju ewlieni Dr. Gruppetta huma fejjieda u raġonevoli, u b’qies tal-prinċipju *‘res judicata pro veritate habitur’*, il-Qorti jidhrilha li llum il-ġurnata huwa stabbilit li kemm l-ordni tal-qtil tal-merħla, kif ukoll l-eżekuzzjoni ta’ dak l-ordni twettqu għaliex id-Direttur-Ġenerali intimat qies li l-merħla tar-rikorrent kienet ta’ perikolu kemm għas-saħħa tal-bniedem kif ukoll tal-annimali. Fil-fehma tal-Qorti, għemil bħal dan jaqa’ eżatt fil-parametri msemmija fl-Artikolu 37(2)(i) tal-Kostituzzjoni, li jipprovdi li “*Ebda ħaġa f’dan l-artikolu ma għandha tinftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta’ xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta’ pussess jew akkwist ta’ proprjetà ... (i) minħabba li tkun fi stat perikoluż jew ta’ ħsara għas-saħħa tan-nies, annimali jew pjanti*”;

40. L-ilmenti tar-rikorrent ma jistgħux għalhekk jintlaqtu mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

41. Wisq anqas li l-għemil tal-ħruġ u tat-twettiq tal-ordni tal-qtil tan-nagħaġ ma jista’ jintlaqat bl-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Kif

---

1380 u 1385 tal-proċess; u (iv) ix-xhieda ta’ Dr. Anthony Gurppetta mogħtija f’dawn il-proċeduri fis-seduta tat-22 ta’ Mejju, 2019, f’paġna 1366 *et seq*. tal-proċess.

tixhed ukoll in-nota marġinali li hemm biswit dan l-artikolu, dak l-artikolu huwa maħsub li jħares l-intimità tad-dar jew ġid ieħor[34] u għalhekk huwa bil-wisq evidenti li dak l-artikolu ma jgħoddx għall-ilmenti tar-rikorrent dwar il-qtil tal-merħla;

42. Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu l-ilmenti tar-rikorrent dwar id-dħul fir-razzett mingħajr il-kunsens u l-preżenza tiegħu, il-Qorti tibda billi tosserva li r-razzett, bħala l-fond li jaħdem fih ir-rikorrent, jista' jitqies li jgawdi mill-ħarsien taħt l-Artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni[35];

43. B'daqshekk imma ma jfissirx li r-rikorrent ġarrab ksur ta' dan l-Artikolu billi l-uffiċjali tal-intimati daħlu ġewwa r-razzett fin-nuqqas tal-preżenza u l-kunsens tiegħu. L-ewwel nett, l-Artikolu 38 jirreferi biss għall-"*kunsens*" għad-dħul jew tiftix minn oħrajn, u bl-ebda mod ma jirreferi għall-'preżenza' tal-individwu waqt dak id-dħul jew tiftix. Fit-tieni lok, il-ħtieġa tal-kunsens mhijiex assoluta u dan għaliex minn kif jixhed it-tieni paragrafu ta' dak l-istess artikolu, il-Kostituzzjoni tipprovdi għal għadd ġmielhom ta' ċirkustanzi li fihom m'għandux jgħodd dak li hemm imniżżel fl-Artikolu 38(1)[36]. Dawn iċ-ċirkustanzi huma tant wesgħin u varjati li xi drabi anke ntqal li l-limitazzjonijiet imsemmija fis-subartikolu

---

[34] Kost. **31.1.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri Saviour et. v. Il-Korporazzjoni Enemalta et.*** (Rik. Nru. 49/2008/1).
[35] Ara Kost **4.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia et. v. Is-Segretarju tad-Djar et.*** (Kollez. Vol. **LXXVI. i.51,** a fol. 56**).**
[36] PA. Kost. JVC **29.7.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Degiorgio et. v. L-Avukat tal-Istat et.*** (Rik. Nru. 72/2018) (mhux appellata).

(2) tal-Artikolu 38, kważi-kważi jannullaw il-ħarsien ipprovdut minn dak l-artikolu[37];

44. Waħda miċ-ċirkustanzi li fihom ma jgħoddx il-ħarsien imsemmi fl-Artikolu 38(1) hija sewwasew meta l-att jew għemil li jkun qiegħed jilmenta dwaru l-individwu jitwettaq skont l-awtorità ta' xi liġi, u dan sa fejn dik il-liġi tagħmel provvediment li jkun raġonevolment meħtieġ fl-interess tas-saħħa pubblika, u sakemm ma jintweriex li dak il-provvediment jew il-ħaġa magħmula skont l-awtorità tiegħu ma tkunx ġustifikabbli raġonevolment f'soċjetà demokratika[38];

45. Fil-każ tal-lum, il-liġi stess, fl-Artikolu 35(1)(b)(iv) tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437 tal-Liġijiet ta' Malta), tagħti lid-Direttur-Ġenerali intimat, kif ukoll lil dawk awtorizzati minnu, l-awtorità li jaċċedu ġewwa dawk l-imkien li fihom ikunu qed jinżammu annimali ħajjin, u dan *"f'kull ħin, bħalma jkun jeħtieġ il-każ"*. Fil-fehma tal-Qorti, id-dispożizzjonijiet misjuba f'dan l-artikolu huma raġonevolment meħtieġa fl-interess tas-saħħa pubblika u dan għaliex ma jkun jiswa xejn għad-Direttur li jordna l-qtil ta' merħla li wieħed għandu għax raġonevolment jaħseb li hija ta' theddida għas-saħħa pubblika u tal-annimali, meta dak id-Direttur ma jkollux jedd li jaċċedi ġewwa l-post li fiha tinżamm dik il-

[37] Kost. **17.10.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Pace v. Ministru tad-Djar u Artijiet et.*** (Kollez. Vol. **LXXII.i.90**).
[38] Artikolu 38(2)(a) tal-Kostituzzjoni.

merħla. Fuq kollox, l-Artikolu 4(a) innifsu tal-Att Dwar is-Servizzi Veterinarji jipprovdi li: "*Il-ħtiġijiet veterinarji f'dan l-Att għandhom jinkludu (a) miżuri, li jirrigwardaw annimali ħajjin, li għandhom x'jaqsmu ma' (i) l-kontroll ta' mard li jittieħed...[u] (iii) identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-annimali*";

46. Jissokta billi jingħad li l-Qorti lanqas għandha xi dubju li l-aċċess imwettaq skont l-awtorità mogħtija bil-Kap. 437 ma kienx ġustifikabbli raġonevolment f'soċjetà demokratika. Fil-fehma tal-Qorti, il-ħarsien tas-saħħa pubblika u tal-annimali in ġenerali huwa pilastru ewlieni ta' kull soċjetà li tqis ruħha bħala demokratika u, fiċ-ċirkustanzi, il-Qorti jidhrilha li l-ilmenti tar-rikorrent dwar l-aċċess ġewwa r-razzett mingħajr il-kunsens tiegħu, ma jistgħux jintlaqtu mill-ħarsien imsemmi fl-Artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni minħabba dak li hemm imniżżel fl-Artikolu 38(2)(a) tal-istess Kostituzzjoni;

47. Sa fejn imbagħad ir-rikorrent qiegħed iqajjem l-ilmenti tiegħu mil-lenti tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li kemm l-att tad-dħul forzat ġewwa r-razzett tiegħu, kif ukoll il-qtil tal-merħla tiegħu jistgħu jitqiesu li wasslu għal tfixkil fit-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejġu u għall-kontroll ta' użu ta' ħwejġu[39] rispettivament, madankollu l-Qorti jidhrilha li dawn l-għemejjel

[39] Q.E.D.B. **15.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet: ***Chagnon and Fournier v. France*** (Applik. Nur. 44174/06 u 44190/06) § 36.

ukoll ma wasslux għall-ksur tal-jedd tar-rikorrent taħt dan l-artikolu protokollari;

48. Kif ilu jingħad u kif ilu stabbilit, l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll huwa ġabra ta' tliet (3) regoli msenslin waħda mal-oħra[40] li għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. L-ewwel regola hija dik ġenerali li tistabilixxi l-jedd ta' kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) li tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola, titlob li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku, u dan bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola, mbagħad trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skont l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni;

49. Filwaqt li minn dan jidher biċ-ċar kif il-jedd tal-individwu għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejġu mhuwiex xi wieħed assolut, fl-istess waqt, huwa magħruf li l-eċċezzjonijiet stabbiliti fit-tieni u t-tielet regoli, għandhom dejjem jinqraw fid-dawl tal-prinċipju ġenerali hekk kif stabbilit fl-ewwel regola. Minħabba f'hekk, u kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata[41], sabiex it-tfixkil fit-tgawdija jew inkella l-kontroll ta'

[40] Sa mis-sentenza Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth v. Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) § 61.
[41] F'paġna 24 tas-sentenza appellata.

użu tal-possedimenti, ikunu kompatibbli mal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, dak it-tfixkil għandu jkun: (a) imwettaq fil-kuntest ta' qafas legali, (b) għal għan leġittimu, u (ċ) proporzjonat, fis-sens li jżomm bilanċ xieraq bejn l-interessi ġenerali tal-komunità u dawk ta' min ikun milqut bit-tfixkil fit-tgawdija paċifika ta' ħwejġu[42];

50. Ta' min jgħid li fl-aggravji tal-appell inċidentali, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda argumenti li bihom qiegħed jattakka r-raġunament tal-Ewwel Qorti sa fejn sabet li l-element tal-proporzjonalità ġie sodisfatt. Wisq anqas li fl-aggravji tiegħu r-rikorrent ma fisser kif u għalfejn l-għemil tal-intimati kien wieħed sporporzjonat. Anzi, biex ikun ingħad kollox, ir-rikorrent stess saħansitra stqarr li "*l-eżami li għamlet l-Ewwel Qorti fil-fatt m'għandux mis-sewwa l-għaliex din mhix materja ta' proporzjonalità bejn azzjoni u oħra, iżda hija azzjoni li mhix imsejsa fuq liġi*"[43];

51. Il-kwistjoni għalhekk tibqa' biss dwar jekk l-għemejjel li qed jilmenta dwarhom ir-rikorrent, twettqux f'qafas legali u kinux leġittimi;

52. Dwar il-kwistjoni ta' jekk l-għemil tal-intimati twettaqx f'qafas legali, il-Qorti taqbel għalkollox mal-Ewwel Qorti li din il-kwistjoni diġà ġiet mistħarrġa kemm mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni

---

[42] Q.E.D.B. **5.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Beyeler v. Italja*** (Applik, Nru. 33202/96) §§ 108-114.
[43] F'paġna 1997 tal-proċess.

Superjuri), kif ukoll wara mill-Qorti tal-Appell (Superjuri), u dan fil-proċeduri ġudizzjarji mnedija mir-rikorrent kontra l-istess Direttur-Ġenerali intimat, fil-kawża bin-numru 114/2012JD. Kif anke jixhdu l-premessi u t-talbiet li tressqu fir-rikors maħluf li bih inbdiet dik il-kawża, wieħed mill-ilmenti ewlenin tar-rikorrent f'dawk il-proċeduri, kien li "*d-deċiżjoni tal-konvenut konsistenti fl-esterminazzjoni tal-merħla kollha tan-nagħaġ tal-attur hija waħda (i) illegali...*"[44]. Kemm il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) kif ukoll il-Qorti tal-Appell, sabu li d-deċiżjoni tal-qtil tal-merħla tar-rikorrent ittieħdet u twettqet f'qafas legali, u billi din il-Qorti ma jidhrilhiex li r-raġunjiet mogħtija minn dawk il-Qrati huma rraġonevoli jew inkella manifestament arbitrarji, il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha tasal għal xi fehma oħra dwar l-għemil tal-intimati sa fejn għandu x'jaqsam mal-qtil ordnat tal-merħla tar-rikorrent;

53. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-għemil tad-dħul ġewwa r-razzett tal-attur u dan mingħajr il-kunsens u l-preżenza tiegħu, il-Qorti b'żieda mal-osservazzjonijiet li diġà għamlet f'paragrafu 45 ta' din is-sentenza, tosserva li f'dan il-każ m'hemmx dubju li l-lok li fih sar l-aċċess kien wieħed fejn kienu qed jinżammu l-annimali ħajjin, u b'hekk id-dħul ġewwa r-razzett tar-rikorrent twettaq fil-parametri msemmija fl-Artikolu 35(1)(b)(iv) tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437 tal-Liġijiet ta' Malta). Ta' min jgħid ukoll li l-preżenza fuq il-post tar-rikorrent ma setgħet

[44] Estratt mill-ewwel talba tar-rikors maħluf fil-kawża bin-numru 114/2012JD, fl-ismijiet: ***Ġanni Attard v. Direttur Generali tad-Dipartiment Veterinary and PhytoSanitary Regulation.***

tbiddel xejn, u dan għaliex skont l-Artikolu 56 tal-istess Att dwar is-Servizzi Veterinarji, ir-rikorrent ma setax iżomm jew ifixkel lil dawk l-uffiċjali milli jidħlu ġewwa r-razzett tiegħu;

54. L-element tal-legalità huwa għalhekk sodisfatt;

55. Wisq aktar li m'għandux ikun hemm xi dubju li l-atti li qed jilmenta dwarhom ir-rikorrent twettqu għal għan leġittimu. Mill-ġabra sħiħa ta' provi, il-Qorti hija sodisfatta li r-raġuni wara l-passi meħuda mid-Direttur-Ġenerali intimat, kienet fl-interess tas-saħħa pubblika, is-sigurtà tal-ikel ikkonsmat mill-bniedem, kif ukoll is-saħħa tal-bqija tal-bhejjem f'Malta. Bla dubju ta' xejn, għan bħal dan huwa fl-interess ġenerali[45];

56. L-element tal-leġittimità huwa għalhekk ukoll sodisfatt, u fid-dawl ta' dak li ngħad aktar kmieni dwar in-nuqqas tar-rikorrent li jressaq raġunjiet għalfejn il-konsiderazzjonijet tal-Ewwel Qorti dwar l-element tal-proporzjonalità huma żbaljati[46], il-Qorti qed tikkonkludi li l-ilmenti dwar il-ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll lanqas mhuma mistħoqqa;

57. **L-ewwel aggravju tal-appell inċidentali** qiegħed għalhekk jiġi **<u>miċħud</u>** għalkollox;

---

[45] Q.E.D.B. **15.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Chagnon and Fournier v. Franza*** (Applik. Nru. 44174/06 u 44190/06) § 50.

[46] § 50 *supra.*

58. Fit-**<u>tieni aggravju tal-appell inċidentali</u>** r-rikorrent qiegħed imbagħad jilmenta dwar dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti ma laqgħetx dawk minn fost it-talbiet tiegħu li fihom talab lil dik il-Qorti ssib li l-qatla tan-nagħaġ mhix imsejsa fuq dispożizzjonijiet ta' liġi u għalhekk m'hemmx dik il-viżibilità u l-legalità meħtieġa;

59. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent ifisser li ma jeżisti l-ebda provvediment fil-liġi li jawtorizza lid-Direttur-Ġenerali li jordna l-qtil tal-annimali li huma f'saħħithom, u dan aktar u aktar meta l-istat Malti għandu liġijiet li jħarsu l-jeddijiet tal-annimali, u b'mod partikolari fil-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (il-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta). Jisħaq li n-nagħaġ tiegħu huma f'saħħithom, u biex issaħħaħ dan, jirreferi għar-ritratti tan-nagħaġ li hemm fl-atti li fi kliemu juru kif l-ebda waħda min-nagħaġ ma tidher li hija mgħaxxa jew għandha xi sinjal li hija marida;

60. Jissokta billi jargumenta li għalkemm il-liġi tagħti jedd lid-Direttur li jista' joqtol annimal li huwa suspettat marid, min-naħa l-oħra jgħid li ma hemm l-ebda kundanna għall-mewt ta' nagħġa li mhijiex reġistrata. Jinsisti għalhekk li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tikkonkludi li l-azzjoni tal-qatla ta' mitejn u sittax-il (216) nagħġa kienet waħda legali, u jfisser li dik l-azzjoni kienet "*illegali, u b'abbuż ta' poter*", bil-konsegwenza li kasbritlu l-jeddijiet fundamentali tiegħu u qerditlu biċċa mhux żgħira mill-merħla

tiegħu mingħajr ebda dispożizzjoni legali li tippermetti hekk;

61. Issa li rat ix-xorta ta' ilmenti li qed jitqajmu fit-tieni aggravju tal-appell inċidentali, il-Qorti tibda billi tosserva li dan l-ilment qiegħed prinċipalment jitqajjem fil-qafas taċ-ċaħda tat-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet li fihom ir-rikorrent talab lill-Qorti ssib li kemm id-deċiżjoni tad-Direttur-Ġenerali intimat dwar il-qtil tal-merħla kollha tan-nagħaġ, kif ukoll il-proċeduri li wasslu għas-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali tal-11 ta' Lulju, 2014, u dik tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Jannar, 2016, huma bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa taħt l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni, billi qed jgħid li ma ġewx imsejsa fuq dispożizzjonijiet espressi tal-liġi;

62. Jissokta billi jiġi osservat li r-rikorrent qiegħed isejjes it-tieni aggravju tiegħu fuq żewġ premessi ewlenin. Dik tal-ewwel hija, li d-Direttur-Ġenerali intimat m'għandu l-ebda setgħa fil-liġi li joqtol bhima li hija f'saħħitha, filwaqt li dik tat-tieni hija, li m'hemm l-ebda dispożizzjoni fil-liġi li tgħid li dawk n-nagħaġ li mhumiex reġistrati, għandhom jinqatlu;

63. Fil-fehma tal-Qorti, dawn iż-żewġ premessi huma manifestament ħżiena u dan għar-raġunijiet li se jissemmew hawn taħt;

64. Fl-ewwel lok, hija għalkollox bla bażi l-premessa tar-rikorrent li l-merħla tiegħu kienet u hija f'saħħitha, u sewwasew ħielsa mill-mard. Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova tajba li biha wera kif l-bhejjem tiegħu kienu jew huma ħielsa minn kull mard li huwa xjentifikament meqjus ta' theddida għas-saħħa tal-bniedem jew tal-bqija tal-bhejjem. Għall-kuntrarju, dak li jirriżulta huwa li r-rikorrent ma kienx jittestja l-merħla għal xi mard u, fi kliemu stess, wieħed jinduna li bhima tkun marida mid-dehra tagħha u speċjalment mis-sintomi li tieqaf tiekol u tmur ma xi ħajt[47]. Filwaqt li l-Qorti mhijiex qed teskludi li l-bhejjem morda jagħmlu hekk, min-naħa l-oħra, il-Qorti għandha biżżejjed provi fl-atti li juru kif anke bhima li mid-dehra tidher sabiħa u mimlija saħħa tista' fl-istess waqt tkun milquta minn mard li huwa ta' theddida għas-saħħa tal-bniedem u tal-bhejjem[48]. Wara kollox, ir-rikorrent innifsu, meta kien mistoqsi direttament dwar jekk il-merħla tiegħu kinitx marida, ma eskludiex dan għalkollox u filwaqt li wieġeb li, sa fejn jaf hu, in-nagħaġ ma kinux morda, fl-istess nifs stqarr li: "***[m]a nkunx naf x'hemm fid-demm tagħhom***"[49];

65. Lanqas mhuwa fejjiedi l-argument tar-rikorrent li m'hemm l-ebda dispożizzjoni tal-liġi li tawtorizza lid-Direttur-Ġenerali intimat li jordna l-qtil ta' bhejjem li mhumiex reġistrati. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-argument

---

[47] Ara l-kopja tax-xhieda tar-rikorrent mogħtija fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2013, fil-kawża bin-numru 114/2012JD, f'paġna 74 tal-proċess.
[48] Ara: (i) l-affidavit ta' Dr. Anthony Gruppetta, 'Dok AG1', f'paġna 1383 tal-proċess; u (ii) ix-xhieda tal-Professur Charmaine Gauċi, mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru, 2020, f'paġna 1676 tal-proċess.
[49] Ara l-kopja tax-xhieda tar-rikorrent mogħtija fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2013, fil-kawża bin-numru 114/2012JD, f'paġna 74 tal-proċess.

huwa tennija tal-istess kwistjoni li tqanqlet fil-kawża bin-numru 114/2012JD. Jaqbel jew ma jaqbilx, huwa indisputabbli li b'żewġ sentenzi, waħda tal-Qorti tal-Maġistrati u l-oħra tal-Qorti tal-Appell, mogħtija fil-11 ta' Lulju, 2014, u fid-29 ta' Jannar 2016, rispettivament, ġie deċiż li l-għemil li qed jilmenta dwaru r-rikorrent twettaq fil-parametri tas-setgħat li l-liġi tagħti lid-Direttur-Ġenerali intimat;

66. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li mhijiex il-funzjoni ta' din il-Qorti li sservi bħala qorti ta' appell mid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell. Tabilħaqq huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li l-funzjoni ta' din il-Qorti mhijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati oħra biex tgħid jekk dawn inqatgħux 'sewwa' jew le[50], iżda hija limitata għall-funzjoni li tistħarreġ jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni[51];

67. Għalkemm huwa minnu li r-rikorrent qiegħed jilmenta li s-sentenzi tal-11 ta' Lulju, 2014, u tad-29 ta' Jannar 2016, kisrulu l-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa taħt l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, madankollu ma jistax jintesa li, fil-prinċipju, il-jedd ta' smigħ xieraq ma jagħtix xi garanzija dwar il-korrettezza tas-sentenzi fil-mertu, iżda jiggarantixxi biss il-ħarsien ta' ċertu prinċipji

[50] Kost. **18.7.22** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Sergio D'Amico noe. v. L-Awtorità tax-Xandir et.*** (Rik. Nru. 43/2020/1) § 17.
[51] PA. Kost. CFS **28.10.2022** fil-kawża fl-ismijiet ***Ramon Fenech v L-Avukat tal-Istat*** (Rik. Nru. 55/2022), (Konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-**25.10.23**). §§ 40 sa 43.

proċedurali (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-ġudikant, *audi alteram partem* u smigħ u l-għoti tas-sentenza fil-pubbliku fi żmien raġonevoli) li huma meqjusa bħala s-sinsla tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja[52];

68. Tabilħaqq, għalkemm il-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali jistgħu jħassru sentenzi ta' qrati oħrajn, dan isir mhux għaliex il-Qorti ma tkunx qablet mal-konklużjoni li tkun waslet għaliha dik il-qorti l-oħra, iżda għaliex is-sentenza tal-qorti l-oħra tkun ingħatat fi proċess li ma jkunx ħares il-jedd għal smigħ xieraq[53];

69. Dawn ir-regoli ġenerali li għadhom kif qed jissemmew huma però soġġetti għal eċċezzjoni waħda, u sewwasew dik li meta l-konklużjonijiet fil-mertu tas-sentenza li jkun qed jitressaq l-ilment dwarha jkunu meqjusa bħala "*flagrantly and manifestly arbitrary, in a manner which flies in the face of justice and common sense and gives rise in itself to a violation of the Convention*"[54]. Huwa mifhum li sabiex sentenza tkun milquta b'difett ta' din ix-xorta, dak id-difett jew żball għandu jkun ta' dik is-sura li: "*no reasonable court could ever have made*", filwaqt li l-irraġonevolezza tal-konklużjonijiet għandha tkun tant qawwija li tkun "*so striking and palpable*

---

[52] Kost. **27.1.2021** fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Raymond Sammut v. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali et.*** (Applik. Nru. 50/2017/1). §§ 29 sa 30.

[53] Kost. **7.10.2019** fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Victoria Cassar v. Avukat Ġenerali*** (Rik. 63/2017) § 20.

[54] Kost. **18.7.22** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Sergio D'Amico noe. v. L-Awtorità tax-Xandir et.*** (Rik. Nru. 43/2020/1) § 18, u Kost **27.1.2021** fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Raymond Sammut v. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali et.*** (Applik. Nru. 50/2017/1). § 31.

*on the face of it*"[55];

70. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti fliet is-sentenzi li qed jilmenta dwarhom ir-rikorrent, u ma jidhrilhiex li l-konklużjonijet milħuqa f'dawk is-sentenzi huma milquti b'xi difett ta' dik ix-xorta kif imfissra fil-paragrafu ta' qabel dan;

71. Din il-fehma tal-Qorti tkompli tissaħħaħ hekk kif wieħef iqis ukoll li b'sentenza oħra mogħtija fl-4 ta' April, 2017, li r-rikorrent għal xi raġuni ma semmiex, f'azzjoni ta' ritrattazzjoni mnedija minnu, il-Qorti tal-Appell kif diversament komposta fil-kawża 114/2012JD, xejnet għalkollox l-ilmenti tiegħu li fis-sentenza tad-29 ta' Jannar, 2016, il-Qorti tal-Appell wettqet applikazzjoni ħażina tal-liġi għar-raġuni li "*l-liġi ma tagħtix poter ta' distruzzjoni tal-annimali*". Tabilħaqq, f'din is-sentenza tal-aħħar, ingħad bl-aktar mod ċar, li fis-sentenza tad-29 ta' Jannar 2016 il-Qorti tal-Appell "***interpretat il-liġi bħala li tagħti l-poteri lill-intimat***[56] ***li joqtol annimali li l-oriġini tagħhom mhux traċċabli***"[57]. B'żieda ma' dan, f'din is-sentenza tal-aħħar, il-Qorti tal-Appell eskludiet li fis-sentenza tad-29 ta' Jannar, 2016 saret xi applikazzjoni żbaljata tal-liġi u osservat kif, fl-aħħar mill-aħħar, ir-raġuni wara l-ilmenti tar-rikorrent hija li huwa mhuwiex qiegħed jaqbel mal-interpretazzjoni tal-liġi mogħtija mill-Qorti tal-Appell.

---

[55] Q.E.D.B., **5.2.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Bochan v. Ukrajna (Nru. 2)*** (Applik. 22251/08), § 62.
[56] Id-Direttur-Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulation.
[57] Paġna 34 tas-sentenza tal-4 ta' April, 2017, dwar il-proċeduri ta' ritrattazzjoni mill-kawża 114/12JD.

Li wieħed ma jaqbilx ma' sentenza li xi qorti tkun tat fil-konfront tiegħu ma jġibx b'daqshekk biss ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

72. Ta' min jgħid li r-rikorrent ma ressaqx xi lment jew argumenti tajba li bihom fisser kif u għalfejn il-konklużjonijiet milħuqa fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' April, 2017 huma żbaljati jew arbitrarji, u kif tifhimha din il-Qorti, din is-sentenza tal-aħħar iġġib fix-xejn l-ilmenti tal-attur sa fejn qed jgħid li kemm id-deċiżjoni tad-Direttur-Ġenerali intimat, kif ukoll dawk tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) u l-oħra tal-Qorti tal-Appell fil-kawża bin-numru 114/2012JD, mhumiex imsejsa fuq il-liġi;

73. Tajjeb jew ħażin, ir-rikorrent għandu bżonn li jifhem li f'pajjiż demokratiku li fih tirrenja s-saltna tad-dritt, hija fil-funzjoni u r-responsabiltà tal-qrati li jfissru l-liġi relevanti għall-fatti tal-każ li jkollhom quddiemhom[58]. Filwaqt li r-rikorrent għandu kull dritt li ma jaqbilx mal-interpretazzjoni legali mogħtija fis-sentenzi tal-11 ta' Lulju, 2014, u fid-29 ta' Jannar 2016, min-naħa l-oħra r-rikorrent ma jistax jibqa' ma jaċċettax l-eżitu ta' dawk is-sentenzi u jinsisti li d-Direttur-Ġenerali ma kellux is-setgħat fil-liġi li jieħu d-deċiżjoni amministrattiva li qed jilmenta dwarha. Il-kwistjoni mqajma mir-rikorrent ġiet issa mistħarrġa fi tliet sentenzi, bl-aħħar waħda tkun dik li fiha hemm konferma dwar kif fis-sentenzi ta'

[58] App. Ċiv. **12.4.2023** fil-kawża fl-ismijiet ***FM Core Limited et. v. Ministeru ta' Għawdex et.*** (App.374/2022) § 31.

qabel, ma saritx applikazzjoni ħażina tal-liġi, speċjalment sa fejn għandhom x'jaqsmu s-setgħat tad-Direttur-Ġenerali intimat li jordna l-qtil ta' bhejjem bħal dawk tar-rikorrent;

74. Fil-fehma tal-Qorti, fiċ-ċirkustanzi, ir-rikorrent lanqas ma jista' jilmenta min-nuqqas ta' prevedibiltà jew viżibiltà fil-liġi dwar il-ħtieġa tar-reġistrazzjoni tal-merħla tiegħu, kif ukoll dwar il-konsegwenzi drastiċi li jġibu tali nuqqasijiet, magħdud magħhom dik tat-telfien jew il-qerda tal-merħla;

75. Ir-Regolamenti Dwar Annimali li Jinħalbu (L.S. 36.32), li ilhom fis-seħħ sa mill-1989[59], mhux biss jiprojbixxu ż-żamma ta' bhejjem jew il-ħidma f'razzett, sakemm dak ir-razzett u r-raħħal ma jkunux reġistrati[60], iżda wkoll jagħmluha ċara li kull minn iżomm ovini jew kaprini huwa obbligat li jirreġistrahom fi żmien tliet xhur mit-tifriħ tagħhom[61], u li dawn ikunu identifikati "*permezz ta' tpinġija bit-tattoo, freezebranding, tqegħid ta' lametta mal-widna jew b'xi metodu ieħor li jkun għas-sodisfazzjon tad-Direttur*"[62]. B'żieda ma' dan, fl-istess Regolamenti nsibu mniżżel li "*[ħ]add ma għandu jċaqlaq jew jagħti lok li jiċċaqlaq xi annimal minn razzett reġistrat għal x'imkien ieħor jew għal biċċerija, sakemm ma jkunx qabel kiseb permess bil-miktub mingħand id-Direttur għal dak l-iskop*"[63]. Fl-

[59] Regolamenti tal-1989 dwar Annimali li Jinħalbu (A.L. 151/89, L.S. 36.32).
[60] Regolament 3(2) tal-L.S. 36.32.
[61] Regolament 9(2) tal-L.S. 36.32.
[62] Regolament 8(2) tal-L.S. 36.32.
[63] Regolament 6 tal-L.S. 36.32.

aħħar u mhux l-inqas, f'regolament 15 tal-istess Regolamenti, il-leġislatur għamilha ċara li "*[m]in jikser jew jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti, ikun ħati ta' reat kontra t-Taqsima II ta' l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, u japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tat-Taqsima III tal-Ordinanza*";

76. Jekk imbagħad wieħed jirreferi għad-dispożizzjonijiet tat-Tielet Titolu tat-Tielet Taqsima tal-Ordinanza, jiġifieri l-Ordinanza Dwar it-Tħaris mill-Mard (il-Kap. 36 tal-Liġijiet ta' Malta), insibu li fl-Artikolu 108, il-leġislatur ipprovda li jekk xi ħadd jagħmel xi ħaġa bi ksur ta' xi regolament magħmul taħt it-Tieni Taqsima tal-Ordinanza[64], dawk l-annimali jew ħwejjeġ li bihom ikun seħħ il-ksur tar-Regolamenti jiġu konfiskati;

77. Fil-fehma tal-Qorti, minn dan biss ir-rikorrent kien jaf, jew tal-anqas seta' jkun jaf, li jekk kien ser jinqabad mill-awtoritajiet bin-nagħaġ mhux reġistrati jew miżmuma f'razzett mhux reġistrat, huwa kien ser jitlef kull jedd fuq dawk in-nagħaġ, irrispettivament minn jekk dawk in-nagħaġ kinux f'saħħithom jew le;

78. F'dan il-każ, hemm biżżejjed provi li juru kif l-operat tar-rikorrent kien għalkollox bi ksur tal-liġi u li huwa kien qiegħed jilgħab man-nar. Ir-

[64] Fil-preambolu tal-Avviż Legali 151 tal-1989 li bih daħlu fis-seħħ ir-Regolamenti Dwar Annimali li Jinħalbu, insibu li dawk ir-Regolamenti saru mill-Ministru għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni *"bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 87 ta' l-Ordinanza dwar it-Tħaris tal-Mard"* liema artikolu jinsab fit-Tieni Taqsima ta' dik l-Ordinanza.

rikorrent mhux biss ma kienx irreġistrat bħala raħħal, u kien qiegħed iżomm il-merħla tan-nagħaġ f'razzett mhux irreġistrat, iżda agħar minn hekk, l-ebda waħda min-nagħaġ li kellu ma kienet reġistrata kif trid il-liġi u b'hekk ma kinux traċċabbli[65]. Terġa' u tgħid, ir-rikorrent ma kienx qiegħed iżomm xi erba' bhejjem bħala delizzju, iżda kellu merħla mdaqqsa li tgħodd 'il fuq minn erba' mitt (400) nagħġa b'kollox[66], u li kienu qed jittrabbew bi skop għall-produzzjoni tal-ikel, b'perikolu kbir għas-saħħa tal-bniedem[67]. Dan kollu sar f'qafas li fih ir-rikorrent kien jaf sewwa bil-pożizzjoni irregolari tiegħu, u dan għaliex, fis-snin disgħin tas-seklu l-ieħor, huwa kellu bosta bhejjem irreġistrati skont il-liġi[68]. Li kieku ma kienx jaf x'tgħid il-liġi, huwa ma kienx ser jirreġistra dawk il-bhejjem;

79. Fil-fehma tal-Qorti dan kollu juri li r-rikorrent għażel li jieħu t-triq tar-riskju, b'viżibiltà sħiħa tal-konsegwenzi li seta' jġib miegħu dak ir-riskju. Kif qalet ukoll sewwa l-Qorti tal-Appell, ir-rikorrent seta' wkoll faċilment jipprevedi li waħda mill-konsegwenzi tal-irregolaritajiet tiegħu kienet il-qtil tal-merħla[69]. F'ċirkustanzi bħal dawn, ir-rikorrent ma jistax issa jipprentendi li għandu xi jedd li jissana l-pożizzjoni tiegħu, u li ma jaffaċjax

---

[65] Ara: (i) x-xhieda ta' Joseph Żammit, mogħtija fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2014, fil-kawża 114/2012JD; (ii) ix-xhieda ta' Dr. Gruppetta, mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju, 2019, f'paġna 1366 tal-proċess; u (iii) ix-xhieda ta' Dr. Duncan Chetcuti Ganado, mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' April, 2016, f'paġna 120 tal-proċess.

[66] Fl-affidavit tiegħu, 'Dok AG1' f'paġna 1344 tal-proċess, ir-rikorrent jistqarr li *"kien irnexxieli narma merħla mdaqqsa ta' madwar 435 nagħġa minbarra l-ħrief iż-żgħar".*

[67] Ara l-affidavit ta' Dr. Anthony Gruppetta, 'Dok AG1', f'paġna 1385 tal-proċess.

[68] Ara x-xhieda ta' Dr. Anthony Gruppetta, mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju, 2019, f'paġna 1366 tal-proċess.

[69] Ara paragrafu 50 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell li ngħatat fil-proċeduri 114/2012JD, fid-29 ta' Jannar, 2016.

il-konsegwenzi tal-għażliet tiegħu. Dak li għaddiet minnu l-merħla tiegħu kien il-konsegwenza diretta ta' mġiebtu u tal-għażla tiegħu li ma joqgħodx għal-liġi;

80. Fuq kollox ġie wkoll ippruvat mill-intimati li l-pożizzjoni tar-rikorrent, magħduda dik tal-merħla tiegħu, la setgħet u lanqas tista' tiġi sanata, u dan billi dawk l-annimali li mhumiex annimali domestiċi iżda trabbew bi skop għall-produzzjoni tal-ikel għall-konsum tal-bniedem, ma jistgħux b'xi mod jew ieħor jiddaħħlu fil-katina tal-ikel. Dan il-fatt mhux biss ittenna kemm-il darba minn Dr. Gruppetta li serva bħala Direttur-Ġenerali u li kien dak li ħa d-deċiżjoni amministrattiva li qed jilmenta dwarha r-rikorrent[70], iżda saħanistra ġie wkoll ikkonfermat mid-direttorat responsabbli mill-qasam tas-saħħa fil-Kummissjoni Ewropea li, fuq talba għal parir mis-Segretarju Parlamentari responsabbli, il-Gvern Malti ġie mgħarraf li l-pożizzjoni tal-merħla tar-rikorrent ma setgħetx tiġi sanata minħabba r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-bqija tal-annimali[71];

---

[70] Ara: (i) il-kopja tax-xhieda ta' Dr. Anthony Gruppetta, fil-proċeduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 54/2012, f'paġni 1299 u 1300 tal-proċess; (ii) il-kopja tax-xhieda ta' Dr. Anthony Gruppetta, fil-kawża 114/2012JD ta' nhar it-13 ta' Marzu, 2014, f'paġni 1313 u 1323; (iii) l-affidavit ta' Dr. Guppetta, 'Dok AG1', f'paġna 1380 tal-proċess; u (iv) ix-xhieda ta' Dr. Gruppetta li ngħatat f'dawn il-proċeduri waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju, 2019, f'paġni 1366 u 1367 tal-proċess.

[71] Ara x-xhieda tal-Onor. Roderick Galdes, mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Ġunju, 2018, f'paġna 1148 tal-proċess. Ara wkoll l-estratt mill-parir ta' DG SANCO, kkwotat fl-istqarrija ministerjali mis-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja u Sajd u Drittijiet tal-Annimali dwar il-Każ ta' Ġanni Attard, tal-24 ta' Frar, 2016, f'paġna 239 tal-proċess. F'dik l-istqarrija ngħad li: *"Illi l-Awtorità kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea, DG SANCO, il-Gvern ta' dak iż-żmien kien infurmat li tali sitwazzjoni ta' nuqqas ta' traċċabilità, kif ukoll nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet tmur kontra kull element ta' prinċipju ta' saħħa pubblika u bio-sigurtà tal-prodotti kollha minn tali annimali. Il-parir kien jgħid hekk:"Reintroduction of these animals into the food chain by 'retrospectively registering and identifying' them and 'sanitizing' them would, in principle, go against elementary principles of animal health and food safety, as it would be nearly impossible to exclude risks for animal and public health".*

81. Filwaqt li dan għandu jkun biżżejjed biex il-Qorti tiċħad it-tieni aggravju tal-appell inċidentali, sabiex ikun ingħad kollox, jixraq li jiġi osservat li minkejja fit-tielet u fir-raba' talbiet tiegħu r-rikorrent qiegħed jilmenta wkoll minn ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, madankollu, fl-appell inċidentali r-rikorrent naqas milli jressaq xi argumenti relevanti dwar dan l-artikolu. F'kull każ, il-Qorti tqis li dan l-artikolu huwa inapplikabbli għall-fatti tal-każ tar-rikorrent, u dan għaliex, kif mistqarr minnu stess fir-rikors maħluf tal-kawża 114/2012JD, id-deċiżjoni tad-Direttur-Ġenerali intimat hija waħda *"amministrattiva"*[72], filwaqt li s-sentenzi li qed jilmenta dwarhom, ma kinux deċiżjonijiet b'rabta ma' sejbien ta' ħtija f'sens ta' reat kriminali, iżda dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv;

82. It-**tieni aggravju tal-appell inċidentali** qiegħed għalhekk jiġi wkoll **miċħud**.

83. Ġaladarba li dak li ntqal s'issa għandu jkun biżżejjed biex tiġi konfermata s-sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn ġew miċħuda t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet, li jirrigwardjaw l-ilmenti tar-rikorrent dwar: l-ordni tal-qtil tal-merħla, it-twettiq tal-ordni tal-qtil tan-nagħaġ ġewwa r-

[72] Ara s-seba' u t-tmien premessi tar-rikors maħluf, numru 114/2012JD, fil-kawża fl-ismijiet ***Ġanni Attard v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and PhytoSanitary Regulation.***

razzett tiegħu fin-nuqqas tal-kunsens u l-preżenza tiegħu, kif ukoll l-ilmenti dwar is-sentenzi tal-11 ta' Lulju, 2014 u tad-29 ta' Jannar 2016, fil-kawża bin-numru 114/2014JD, jixraq li issa jiġi mistħarreġ **it-tieni aggravju tal-appell ewlieni** li fih l-intimati qegħdin jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti kkonfermat il-kundizzjonijiet tad-digriet tagħha tat-28 ta' April, 2016, li permezz tiegħu ordnat is-sospensjoni tal-qtil tal-bqija tal-merħla tar-rikorrent, li ma ġietx maqtula fil-jum tat-3 ta' Novembru, 2012, minħabba l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 54/2012JD;

84. F'dan ir-rigward, l-intimati jfissru li d-digriet tat-28 ta' April, 2016, ingħata wara li b'rikors tat-8 ta' Marzu, 2016, ir-rikorrent talab lil dik il-Qorti għal miżura proviżorja kif magħrufa bħala '*interim measure / relief*'. Jirraġunaw li ġaladarba fis-sentenza finali tas-26 ta' Settembru, 2022, l-Ewwel Qorti ddeċidiet dwar il-mertu tal-ilmenti tar-rikorrent u sabet li l-qtil tan-nagħaġ ma wassalx u mhux ser iwassal għall-ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent, mela allura, l-għan aħħari wara d-digriet tat-28 ta' April, 2016 intemm;

85. Fid-dawl ta' dan, l-intimati jissoktaw billi jfissru li, min-natura tagħha, miżura proviżorja hija waħda temporanja li tibqa' fis-seħħ pendenti l-eżitu tal-kawża, u dan biex tħares l-interessi 'vitali' tal-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' dik il-miżura. Jargumentaw li ma jagħmilx sens li

kundizzjonijiet tad-digriet tat-28 ta' April, 2016 jibqgħu fis-seħħ wara li din il-kawża tgħaddi f'ġudikat, u jżidu li fiċ-ċirkustanzi mhuwiex sewwa li d-Direttur-Ġenerali intimat jinżamm milli jwettaq dak li kien beda, u sewwasew dak li jeżegwixxi l-ordni tiegħu fuq il-bqija tal-merħla;

86. Fuq ix-xaqliba l-oħra, ir-rikorrent jirribatti li hija fil-kompetenza tal-Qorti li tagħti dawk l-ordnijiet kollha li jidhrilha li huma meħtieġa. Filwaqt li jikkontesta li l-effetti tal-miżuri proviżorji jispiċċaw mal-għotja tas-sentenza, jargumenta li fit-tieni aggravju tagħhom, l-intimati qegħdin jgħabbu lil din il-Qorti bir-responsabiltà tal-qtil tan-nagħaġ sabiex dak li l-Ewwel Qorti żammet milli jitwettaq, issa tkun din il-Qorti li tagħti l-ordni biex jinqatlu n-nagħaġ u b'hekk tkun din il-Qorti li "*tidher kerha*". Ifisser li r-raġuni għalfejn l-intimati jridu l-barka ta' din il-Qorti għall-qtil tan-nagħaġ hija sewwasew għaliex sal-lum il-ġurnata ma hemm l-ebda deċiżjoni tal-Qrati li n-nagħaġ għandhom jinqatlu jew inkella jkunu konfiskati;

87. Jissokta billi jgħid li r-raġunijiet għalfejn l-Ewwel Qorti żammet fis-seħħ id-digriet tat-28 ta' April, 2016 huma mfissrin b'mod ċar, u jissottometti li dik il-Qorti sabitha iebsa biex tifhem kif wieħed għandu jmur għall-qatla tal-annimali li mhumiex konfermati morda, u dan anke fil-kuntest tal-jeddijiet tal-annimali kif misjuba fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali;

88. Fost argumenti oħra, itenni li ma jirriżultax li hemm xi nagħġa marida, u jgħid li lanqas ma nġabet xi prova li xi waħda min-nagħaġ li diġà nqatlu kienu morda. Fid-dawl ta' dan jisħaq li l-intenzjoni tad-Direttur-Ġenerali intimat hija waħda: u sewwasew dik li jeqred darba għal dejjem il-merħla tiegħu, u dan meta l-Ewwel Qorti "*biċċret kwalunkwe argument dwar il-qatla tan-nagħaġ*";

89. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju huwa tajjeb;

90. Jibda billi jingħad li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li d-digriet tat-28 ta' April, 2016[73], ingħata fuq talba tar-rikorrent bħala rimedju proviżorju (*interim measure*) pendenti l-eżitu tal-kawża. Dan mhux biss jidher biċ-ċar mill-premessi tar-rikors tar-rikorrent tat-8 ta' Marzu, 2016,[74] iżda wkoll mit-talba finali li tniżżlet f'dak ir-rikors u li kienet taqra hekk: "*Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulations li permezz tagħha ġiet ordnata l-qatla tan-nagħaġ ta' l-esponenti pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri u dan taħt kwalukwe provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun*". L-istess jidher ukoll biċ-ċar mit-test tad-digriet tat-28 ta' April, 2016, li fih l-Ewwel Qorti, niżżlet: "*[t]ipprovdi billi tordna illi pendenti dawn il-proċeduri Kostituzzjonali*

[73] F'paġni 111 sa 113 tal-proċess.
[74] F'paġni 24 u 25 tal-proċess.

*odjerni....*"[75];

91. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li fi proċeduri ta' din ix-xorta, l-għan tal-miżuri proviżorji hekk kif maħsuba fl-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni huwa biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali, b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorità u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[76]. Intqal ukoll li l-għoti ta' provvediment proviżorju, kif jixhed ismu, huwa biss wieħed temporanju pendenti l-eżitu tal-kawża u li minħabba f'hekk, m'għandu bl-ebda mod jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod ta' kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha[77];

92. Għalkemm veru li l-Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali huma mogħnija bis-setgħa li jagħtu rimedju mhux biss meta jinstab ksur ta' drittijiet fundamentali iżda wkoll meta "ikun x'aktarx ser jiġi miksur" dritt bħal dak u sabiex "tiżgura t-twettiq" tad-dritt[78], f'dan il-każ, mis-sentenza tal-Ewwel Qorti jidher biċ-ċar kif għal dik il-Qorti, id-deċiżjoni tad-Direttur-Ġenerali intimat dwar il-qtil tal-merħla tar-rikorrent, la kisret il-jeddijiet tar-

[75] F'paġna 112 tal-proċess.
[76] Q.E.D.B. **6.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamatkulov et v. Turkija*** (Applik. Nru. 46837/99) § 110; P.A. (Kost.) **2.6.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri v. Spettur Louise Calleja et.*** (Rik. Nru. 50/2013); P.A. (Kost.) **26.1.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Lourdes Castillo v. Avukat tal-Istat*** (Rik. Nru. 12/2021/1); P.A. (Kost.) **30.11.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Jonathan Muscat v. Awtorità tal-Ambjent u Riżorsi et.*** (Rik. Nru. 683/2021).
[77] Kost. **13.4.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Nana Owusu v. Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et.*** (Rik. Nru. 87/2017).
[78] Kost. **9.10.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri v. Spettur Louise Calleja et.*** (Rik. Nru. 50/2013) § 50.

rikorrent, u lanqas ser tkun qed twassal għat-tkasbir ta' xi jedd fundamentali tar-rikorrent;

93. Fiċ-ċirkustanzi, u peress li kif rajna, din il-Qorti qed tiċħad l-ewwel u t-tieni aggravji tal-appell inċidentali tar-rikorrent, il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-intimati li ma fadalx lok għall-miżura provviżorja tat-28 ta' April, 2016, u għalhekk l-effetti ta' dak id-digriet ser jaslu fi tmiemhom illum;

94. B'daqshekk din il-Qorti mhijiex però qed tordna l-qtil tal-bqija tal-merħla li għad fadal ħajja, kif qed jgħid ħażin ir-rikorrent. Kulma qed tagħmel il-Qorti b'din is-sentenza huwa li qed tikkonferma kif id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat dwar il-qtil tal-merħla tan-nagħaġ tar-rikorrent kif ukoll l-eżekuzzjoni ta' dik id-deċiżjoni la kisru u lanqas ser ikunu qed jiksru d-drittijiet fundamentali li ssemmew mir-rikorrent. F'ċirkustanzi bħal dawn u ta' dak li ġie deċiż fil-kawża 114/2012JD, din il-Qorti ma tistax iżżomm lid-Direttur-Ġenerali intimat milli jwettaq dak li ordna li jitwettaq, però fl-aħħar mill-aħħar, jibqa' dejjem fid-diskrezzjoni ta' dak id-Direttur li jiddeċiedi jekk għandux ikompli b'dik l-ordni jew le, jew inkella li jieħu triq differenti;

95. It-**tieni aggravju tal-appell ewlieni** qiegħed għalhekk **jintlaqa'**, u minħabba f'hekk, dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti

kkonfermat id-digriet tagħha tat-28 ta' April, 2016, ser tkun qed tiġi mħassra;

96. Jifdal issa li l-Qorti tistħarreġ it-tielet u r-raba' aggravji tal-appell inċidentali ta' Ġanni Attard;

97. Fit-**tielet aggravju tal-appell inċidentali** r-rikorrent qiegħed jilmenta li l-kumpens mogħti lilu dwar l-arrest illegali huwa baxx wisq meta wieħed iqis il-portata kollha tal-każ, l-aġir illegali dwar l-arrest, u l-ħin li matulu nżamm arrestat. Skont l-appellant, il-kumpens għaċ-ċaħda illegali tal-libertà tiegħu kellu għalhekk ikun aktar minn elfejn ewro (€2,000) biex ikun wieħed ekwu u ssir ġustizzja miegħu;

98. Il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrent li l-kumpens likwidat mill-Ewwel Qorti mhuwiex xieraq fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ;

99. Filwaqt li kull min jiġi mċaħħad mil-libertà b'mod illegali għandu l-jedd għall-kumpens[79], min-naħa l-oħra kemm l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni kif ukoll l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ma jispeċifikawx kemm għandu jkun dak il-kumpens[80] u wisq anqas isemmu kriterji dwar il-kejl ta' tali kumpens. Huwa għalhekk fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiffissa dak il-

[79] Ara Artikolu 5(5) tal-Kap. 319 u Artikolu 34(4) tal-Kostituzzjoni.
[80] Q.E.D.B. **11.7.2006**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***ŞAHİN ÇAĞDAŞ v. It-Turkija****,* (Applik. Nru. 28137/02) § 34.

kumpens, u dan dejjem fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, speċjalment in-natura taċ-ċaħda tal-libertà, kif ukoll it-tul ta' ħin jew żmien ta' dik iċ-ċaħda;

100. F'dan il-każ, iċ-ċaħda tal-libertà tar-rikorrent damet biss ftit sigħat u meta wieħed iqis li fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Darrel Luke Borg v. Malta,*** il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, osservat li "*in principle, an award of €150 for a three-day detention would not be entirely disproportionate*"[81], u li fil-każijiet ta' ***Joseph Attard v. Malta,***[82] u ***Cumber v. Ir-Renju Unit,***[83] instab li l-kumpens ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), u tliet mija u ħamsin Lira Sterlina (£350), rispettivament, kienu proporzjonati mad-detenzjoni li damet biss ftit tas-sigħat, il-Qorti jidhrilha li l-kumpens likwidat mill-Ewwel Qorti huwa aktar milli ġeneruż meta mqabbel mal-kumpens mogħti fl-imsemmija każijiet;

101. It-**tielet aggravju tal-appell inċidentali** qiegħed għalhekk jiġi **miċħud**;

102. Fir-**raba' aggravju tal-appell inċidentali** r-rikorrent qiegħed imbagħad jilmenta dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandu x'jaqsam il-kap tal-ispejjeż. Jissottometti li huwa m'għandux jiġi

[81] Q.E.D.B. **5.9.2017** fil-kawża fl-ismjiet ta' ***Darrel Luke Borg v. Malta,*** (Applik. Nru. 39783/15) § 37.
[82] Q.E.D.B. **28.9.2000**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Attard v. Malta*** (Applik. Nru. 46750/99).
[83] Q.E.D.B. **27.11.1996**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Cumber v. Renju Unit,*** (Applik. Nru. 28779/95).

kkundannat iħallas xi spejjeż tal-kawża u dan minħabba ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, kif ukoll għaliex huwa, wara kollox, instab li tassew ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu;

103. Jissokta billi jfisser li huwa lanqas m'għandu jbati l-ispejjeż imsemmija fid-digriet tal-Ewwel Qorti tat-28 ta' April 2016, u jisħaq li l-ispejjeż tal-viżti ta' kull xahar, u spejjeż oħra kif ordnati b'dak id-digriet għandhom jagħmlu tajjeb għalihom l-intimati waħedhom;

104. Fil-fehma tal-Qorti, lanqas dan l-aggravju ma huwa tajjeb;

105. Ibda biex, li l-parti l-kbira tal-ilmenti u tat-talbiet tar-rikorrent ġew miċħuda u għalhekk huwa ma jistax jippretendi li l-intimati għandhom ibatu dawk l-ispejjeż[84]. Lanqas ma jista' jintesa li skont id-deċiżjoni ta' din il-Qorti kif diversament impoġġija[85], diġà ġie deċiż li r-rikorrent għandu jbati l-ispejjeż kollha tal-appell mid-digriet tat-28 ta' April, 2016. Fiċ-ċirkustanzi, l-ilmenti tar-rikorrent fl-ewwel parti tar-raba' aggravju, mhumiex għalhekk mistħoqqa;

106. Wisq anqas mhuma mistħoqqa l-ilmenti tar-rikorrent fit-tieni parti tar-raba' aggravju. Kif mistqarr mir-rikorrent stess, l-ilmenti tiegħu f'din il-

---

[84] Kost. **28.1.2021**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***John Pace et. v. L-Avukat tal-Istat*** (Rik. Nru. 107/2018/1), §§ 34 u 35; u Kost. **27.1.2021**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Emanuel Bezzina et. v. L-Avukat Ġenerali llum l-Avukat tal-Istat et.*** (Rik. Nru. 79/2017/1) §§ 57 u 58.
[85] Ara l-provvediment ta' din il-Qorti tal-25 ta' Novembru, 2016.

parti tal-aħħar aggravju hija dwar l-ispejjeż *"skon[t] id-digriet tat-28 ta' April, 2016".* Fit-talba finali tal-appell inċidentali, ir-rikorrent ma ressaq però l-ebda talba sabiex din il-Qorti tħassar dik il-parti tad-digriet, u talab biss ir-riforma tas-sentenza appellata. F'ċirkustanzi bħal dawn, l-ilment tal-appellant huwa għalhekk irritwali;

107. Madankollu, ukoll kieku stess huwa kellu jagħmel talba bħal dik, l-aggravju tar-rikorrent lanqas ma seta' jintlaqa' għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, ir-rikorrent diġà appella minn dik il-parti tad-digriet quddiem din il-Qorti, u din il-Qorti diġà ċaħdet dak l-appell għalkollox b'deċiżjoni mogħtija fil-25 ta' Novembru, 2016;

108. Għandu wkoll jingħad li l-ispejjeż li qed igorr dwarhom ir-rikorrent akkumulaw minħabba s-sitwazzjoni llegali li huwa nnifsu ġab b'idejh, kif ukoll għaliex huwa għażel it-triq li jitlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tad-Direttur-Ġenerali intimat. Ir-rikorrent kien jaf, jew messu kien jaf, li jekk il-Qorti ma kinitx ser tagħtih raġun fl-ilmenti tiegħu, huwa kien ser jispiċċa jbati l-ispejjeż kollha tad-Dipartiment Veterinarju fit-twettiq tal-miżuri msemmija f'dak id-digriet, u għalhekk fiċ-ċirkustanzi, ir-rikorrent ma jistax jippretendi li t-taxxi pubbliċi għandhom jagħmlu tajjeb għal dawk l-ispejjeż;

109. L-appell inċidentali ta' Ġanni Attard qiegħed għalhekk jiġi miċħud

għalkollox, filwaqt li l-appell ewlieni tal-intimati ser ikun qiegħed jintlaqa' f'parti biss;

***Decide:***

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**tiċħad l-appell inċidentali** ta' Ġanni Attard, billi mhux mistħoqq u la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

**tilqa' f'parti l-appell ewlieni** tal-intimati, u għalhekk qiegħda **tirriforma** s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), fis-26 ta' Settembru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi:

(i) **tħassarha** f'dik il-parti li fiha kkonfermat l-kundizzjonijiet tad-digriet tat-28 ta' April, 2016, u b'hekk l-effetti ta' dak id-digriet qed jispiċċaw minn issa stess, bla ħsara għall-jedd tad-Direttur Ġenerali intimat li jiġbor l-ispejjeż kollha mingħand ir-rikorrent skont dak id-digriet; u

(ii) **tikkonfermaha** fil-bqija, magħdud fil-kap tal-ispejjeż.

L-ispejjeż tal-appell ewlieni għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn l-

intimati u r-rikorrent Ġanni Attard (50%-50%), filwaqt li l-ispejjeż kollha tal-appell inċidentali għandu jbatihom ir-rikorrent Attard.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm